L-GHID TA' L-ASSUNTA

IT-TNEJN U TLETIN SENA

32(1997)



ĦARĠA SPEĊJALI

300 SENA TQEGHID TA' L-EWWEL ĠEBLA TAL-KATIDRAL

100 SENA WASLA TA' L-ISTATWA TA' SANTA MARIJA

www.gozocathedral.org.mt

CITADEL VIDEO
COMMUNICATIONS

Stills & Video Photography



The best caterers for sights & sounds of Gozo.

The only Gozo based facility catering for domestic and professional VHS, Super VHS & Hi 8 Video

As well as broadcast U. Matic High Band SP and Beta SP format video.

'Daisy' By the Bastion Road, Victoria, Gozo. Tel: 551936

L-GĦID TA' L-ASSUNTA

32(1997)
Stampata għall-ewwel darba Awwissu 1966

Pjazza tal-Katidral, Ċittadella, Għawdex. VCT 103
Tel • 554101
Fax • 564572

PUBLIC LIBRARY
08 AUG 1997
GOZO

Editur
Fr. Joseph Bezzina

Megħjun minn
Fr. Joe Calleja

Reklami
Uffiċju Parokkjali

Typing
Fabienne Grech

Proof Reading
Anton F. Attard

Setting
Eric de Bono

Ritratt tal-Qoxra
Daniel Cilia

Stampata
J. de Bono Printing Press Ltd.

SENA ĊENTINARJA

L-GĦID TA' L-ASSUNTA din is-sena qiegħda tfakkar żewġ anniversarji importanti fl-istorja tal-Knisja Katidrali ta' Għawdex: għeluq it-300 sena mit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla li jaħbat fil-21 ta' Settembru; u għeluq il-100 sena mill-wasla ta' l-istatwa sabiħa ta' Santa Marija nhar it-13 ta' Awwissu.

300 sena ilu, fl-1697, kienet qiegħda tinbena knisja ġdida, iżda fil-post kien hemm knisja sa mill-ibgħad żminijiet. Tradizzjoni qadima tgħid li tempju Ruman, li żgur kien jeżisti fl-ewwel sekli, kien mibdul mill-insara f'tempju lil Omm Alla. L-ewwel ħjiel ċert ta' knisja fiċ-Ċittadella jmur lura għas-sena 1299. Nafu li fl-1435, din il-knisja kienet il-Matriċi tal-Belt u l-gżira ta' Għawdex. Fi żmien li f'Għawdex kien hemm anki parroċċi oħra, dan it-titlu jfisser ċar u tond li sitt mija u sittin sena ilu, il-Matriċi ta' Santa Marija kienet rikonoxxuta bħala omm il-knejjes parrokjali u rurali kollha ta' Għawdex. U dan b'differenza ta' knejjes oħra li kellhom dan it-titlu, bħal parroċċa tan-Naxxar, iżda fejn ma kienx hemm parroċċi oħra. L-istruttura ta' din il-knisja qadima sofriet ħafna bl-attakk tat-Torok fl-1551 u b'terrimot fl-1693. Ittieħdet għalhekk id-deċiżjoni li tinbena knisja ġdida. B'tifkira qegħdin inġibu xi dokumenti konnessi ma' dan l-anniversarju kif ukoll ritratt tas-sett ta' bolli maħruġa mill-Posta ta' Malta għall-okkażjoni.

100 sena ilu, fl-1897, il-Banda Leone, imwaqqfa r-Rabat, Għawdex, fl-1863, ġabet minn Ruma statwa mill-isbaħ ta' Santa Marija. Sa mill-bidu, il-ħsieb wara l-akkwist ta' din l-istatwa kien li ġurnata fil-futur jarawha dieħla fil-Knisja Katidrali. Din il-ħolma seħħet fid-29 ta' April, 1956. F'din il-ħarġa taċ-ċentinarju, qegħdin inġibu l-istorja sħiħa ta' din l-istatwa.

L-Arċipriet tal-Katidral, Monsinjur Joe Vella-Gauci, flimkien mal-Kumitat tal-Banda Leone, u l-parruċċani kollha tal-Katidral, bdew iċ-ċelebrazzjoni b'tifkira ta' dawn iż-żewġ ċentinarji s-sena l-oħra. Iċ-ċelebrazzjonijiet jilħqu l-qofol tagħhom f'dawn il-ġranet.

Magħqudin għalenija niċċelebraw u nifirħu flimkien. Nagħtu ġieħ lil Santa Marija billi noqogħdu attenti li la noffendu 'l Alla u lanqas il-proxxmu tagħna bl-imġieba tagħna u bi kliemna. B'hekk nagħtu ġieħ lil Santa Marija u nifirħu fil-għid minn tagħha.

IL-FESTI T-TAJBA LILL-KULĦADD!

Dun Joe Bezzina

TLIET MIT SENA ILU IT-TQEGĦID TA' L-EWWEL ĠEBLA TAL-KATIDRAL

kitba ta'
DUN JOE BEZZINA
Kap tad-Dipartiment ta' l-Istorja tal-Knisja, tal-Arkeoloġija Kustjana, u tal-Patroloġija
Università ta' Malta

Tliet mit sena ilu sewwa, nhar il-21 ta' Settembru, 1697, Dun Nicolò Natale Cassia Magri, l-Arċipriet tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex poġġa l-ewwel ġebla tal-Katidral. Permess ta' dawn it-tmien ritratti qegħdin inġibu fil-qosor l-istorja ta' din il-ġrajja, importanti mhux biss għall-knisja iżda wkoll għall-gżira kollha ta' Għawdex. L-istorja sħiħa tinkiteb meta jkun il-waqt u jinstabu l-mezzi meħtieġa.

L-ewwel ritratt juri l-iskrizzjoni ta' tifkira ta' tqegħid ta' l-ewwel ġebla tliet mit sena ilu li tpoġġiet fil-Katidral. Tinsab fuq il-fonti tal-magħmudija. Din l-iskrizzjoni tiġbor fil-qosor l-istorja ta' qabel, ta' waqt, u ta' wara t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla.

Tgħid hekk

LILL-KBIR ALLA TAJJEB BLA QIES
TIBQA' HAWNHEKK IMFAKKRA GĦAL DEJJEM
IT-TIEBA EWLENIJA TAN-NIES TA' DIN IL-GŻIRA
LI, BIEX DIN ID-DAR TA' **ALLA** MIBNIJA MILL-QEDEM
HEKK KIF LAQGĦU L-FIDI TA' **KRISTU** MINN SAN PAWL L-EWWEL MISSIER
IŻDA LI KIENET TMERMRET BIŻ-ŻMIEN,
BDEW JIBNU MILL-QIEGĦ USA U ISBAĦ
FUQ L-ISTESS POST
DIN IL-KNISJA IKBAR
IDDEDIKATA LILL-**MARIJA MTELLGĦA S-SEMA**
BL-APPROVAZZJONI TA' FRA DAVIDE COCCO PALMERIO ISQOF TA' MALTA
WAQQFU MINN QIEGĦ MINN FLUSHOM DIN IL-KNISJA
LI X-XOGĦOL FUQHA BEDA FIL-21 TA' SETTEMBRU, 1697
BIL-ĦERQA TA' NIKOL NATALE CASSIA MAGRI, ARĊIPRIET U DUTTUR
U NTEMM MINN KOLLOX FL-14 TA' AWWISSU, 1711

www.gozocathedral.org.mt

It-tieni hu dokument li juri l-ispiża tal-bini magħmula f'Settembru 1697 u fix-xhur ta' qabel it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla. Il-kont kien magħmul lill-Arċipriet u ppreżentat lill-Provigarju u Prokuratur tal-bini, Dun Ġammarija Vella.





It-tielet hu dokument ieħor li juri l-ispejjeż magħmulin biex jinxtraw id-djar li kienu jmissu mal-Matriċi l-qadima ħalli l-Matriċi l-ġdida tkun isbaħ u ikbar, kif kien xieraq lill-parroċċa ewlenija ta' Għawdex u Omm il-parroċċi u l-knejjes l-oħra kollha tal-gżira.

www.gozocathedral.org.mt



Ir-raba' hu disinn oriġinali ta' Pawlu Camilleri Cauchi li juri lill-arkitett tal-Matriċi, il-magħruf Lorenzo Gafà jippreżenta pjanta tal-Matriċi l-ġdida, fil-ġenb, lill-Arċipriet Nicolò Natale Cassia Magri.

Il-ħames hu disinn oriġinali ieħor ta' Pawlu Camilleri Cauchi li juri lill-Matriċi l-ġdida fuq sfond tat-tliet għoljiet, l-emblema ta' Għawdex. Dawn iż-żewġ disinn kienu ppreżentati lill-*Posta Limited* biex jiġu kkunsisrati għas-sett ta' bolli li ħarġu fl-okkażjoni tat-tliet mit sena, iżda ma kinux aċċettati.



www.gozocathedral.org.mt

Is-sitta u s-sebgħa huma *mint set* u *first day cover* tas-sett ta' bolli b'tifkira tat-tliet mit sena ta' tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Katidral ta' Għawdex maħruġa nhar il-Ħamis, 10 ta' Lulju, 1997, minn *Posta Ltd. The Malta Stamp Official Bullettin of the Philatelic Bureau,* ħarġa numru 155 (July 1997) fiha artiklu qasir iżda interessanti dwar il-Katidral ta' Għawdex kif ukoll tagħrif tekniku dwar dawn iż-żewġ bolli.

- Il-bolla tas-6ċ turi l-faċċata tal-Katidral kif tidher illum.
- Il-bolla tal-11ċ turi litografija kulurita tal-Katidral u ċ-Ċittadella; il-litografija tinsab fil-Mużew tal-Katidral u hi ta' madwar l-1790.
- Id-disinn tal-bolli sar mid-*Design Section*, ta' Posta Ltd. Kienu stampati bil-proċess ta' litografija fil-Printex Limited. Id-daqs ta' kull bolla hu ta' 31 mm x 44 mm u l-perforazzjoni hi ta' 14 x 13.9 mm waqt li kull folja fiha ħamsin bolla. Il-watermark tal-karta għandha slaleb ta' Malta.

www.gozocathedral.org.mt

ABBONAMENTI
Malta ... scell 20 „ 10 „ 5
Estero ... „ 26 „ 13 „ 6/6
Un numero separato ½ penny
Arretrato ... scell. 1.
Valletta-Malta

RISORGIMENTO

GIORNALE DI MALTA

INSERZIONI
In 1a. e 2a. pag.—4d. la linea
„ 3a. e 4a. „ —3d. „
I manoscritti non si restituiscono ancorchè non pubblicati.
Ufficio e Tipografia Strada Reale No. 209.
Valletta-Malta

MALTA LUNEDI' 16 AGOSTO 1897

ANNO XXI

Avvisi

Morina's Buffet
REFRESHMENT SALOON
258, Strada Reale, 258
Malta Valletta
"Between the Corner of Strada Sta. Lucia & the Palace Square"
ALE & PORTER ON DRAUGHT
From the Best English Brewers & Choicest qualities of Wines & Spirits, Mutton Pies, Sandwiches and a variety of pastries always ready. All Orders will receive the best attention. Unrivalled prices.

GRAND DEPOT
OF ALL SORTS OF
MUSICAL INSTRUMENTS
Vincent Carabott
VALLETTA, MALTA
22 STRADA SAN GIOVANNI, 22
(close to the Gas Office)
MUSICAL INSTRUMENTS REPAIRED
AT VERY MODERATE TERM.

Crystal Palace

ESTERO

L'ASSASSINIO DI CANOVAS

Diamo il benvenuto di cuore a S. E. R. Mons. Pace e ai componenti il Pellegrinaggio.

Moltissima gente si portò jeri a Gozo per la festa di Santa Maria a bordo la *Principessa Melita*, le lancie e il *Carola*. Quest'ultimo, come siamo informati, trasportò oltre 800 persone e dovette rifiutare molte altre.

Circo Britannia—Sabato e jeri la graziosissima zarzuela *Gran via* attirò gran numero di spettatori, i quali applaudirono vivam...

L'assassinio di Canovas
Processo contro Angiolillo
Sarà impiccato?

Madrid 13—Il giudice terminò l'istruttoria sommaria contro Angiolillo, che conclude chiedendo la convocazione del Consiglio di guerra che si ...

It-tmien ritratt huwa juri rapport dwar il-festa ta' Santa Marija fil-ġurnal *Risorgimento* ta' mit sena ilu u jgħid illi kienu ġew numru kbir ta' Maltin; waqt li d-disa' ritratt juri rapport simili ta' ħamsin sena ilu fil-ġurnal *Il-Berqa*

... 11 ta' Awissu, 1947 IL-BERQA

Ittri u aħbarijiet minn Għawdex

...ĦELUQ IL-ĦAMSIN SENA MINDU L-BANDA "LEONE" ...BDIET TIEĦU ĦSIEB IL-FESTA TA' SANTA MARIJA

...rajjet din il-Għaqda Mużikali Għawdxija

MINN KOLI APAP

...privileġġ speċjali u wisq kbir għall-Banda "Leone" meta l-qatt minsi Rgħaj ta' din id-Djoċesi, l-Isqof G.M. Camilleri, reħa taħt il-ħarsien ... festa tagħha Storika u Nazzjonali ta' Santa Marija li qabel kienet issir bix-xi ... tgħira li kien jagħti l-Gvern.

...ien sewwa sew ħam... ilu, u wara din is-... Kumitat ta' din il-Ban... Belt Vittorja ħa ħsieb ... Ruma statwa ... ta' Santa Marija u ... kbret il-festa tat-... 'Omm na Marija fis-... kif wisq sewwa kien ... li jsir meta din hija ... tal-patruna speċjali ... u Għawdex u bħala ... imħabba d-devozzjoni ... Knisja Katidrali ta' ... li sa minn dejjem ... iddedikata lill-Assun-... Marija.

...t Ċinkwantinarji

...w li l-Banda "Leone" ... sena għandha bicx tif-... tqax qiegħda tfakkar ... inkwantenarji għeżież ... li huma l-qofol u l-is-... Marija ta' din il-Għaqda ... Forsi mhix opra ... għal Għawdex ix-xbie...

speċjali mhux biss min-nies tal-Belt Vittorja imma wkoll mill-irħula, u dan bħala turija ta' verita' li jafha kulħadd jiġifieri li l-festa ta' Santa Marija mhix festa tal-Belt Vittorja (ir-Rabat) biss, imma t'Għawdex kollu bħalma hi ta' Malta, u tad-dinja kattolika billi l-Madonna hija l-Omm ta' kulħadd filwaqt li l-Assunzjoni ta' Marija hija magħrufa kullimkien u minn kulħadd, u t-talb li qiegħed isir għad-definizzjoni tad-Domma huwa xhieda biżżejjed sabiex jitwettaq dan li qiegħed inħażżeż.

Intant l-istatwa ta' Santa Marija li nġiebet Għawdex fis-sena 1897 mill-Kumitat tal-Banda "Leone" kienet ġiet imbierka fl-istess sena mill-Isqof G.M. Camilleri O.E.S.A. li tant kellu għal qalbu l-Knisja Kattidrali.

ser isiru lil din il-ġawhra ta' statwa setgħu jnisslu xi konsegwenzi fil-ġmiel tagħha imma s-sengħa ta' min ħa ħsieb jirranġa l-istatwa kabbret il-ħlewwa artistika tagħha.

Kelmtejn dwar il-Banda "Leone"

Kienet is-sena 1865 meta Ġorġ Tabone tħajjar iwaqqaf Għaqda tal-Mużka f'Għawdex u f'qasir żmien irnexxielu jħarreġ tittax-il bandist u jwaqqaf banda li kienet magħrufa "Tal-Binu."

F'dan l-istess żmien il-Prokuratur Legali Adrijanu Lanzon tħajjar ukoll igħaqqad banda oħra ... għamel bi ħdax-il bandist.

Kien ta' kuraġġ għall-Għawdxin u għad-dilettanti tal-mużka ta' din il-gżira li jaraw sewġ baned ...

Pawlu Miruzzi, E. Vassallo, Ninu Miruzzi, il-Kavalier Carabott, Orlando Crisciman-no, Ġanni Gumarra, Ġuże' Stivala, Wiġi Dimauro u s-surmast tal-lum Willie Attard li ma jagħmel xejn għajb lis-surmastrijiet ta' qablu.

Is-Surmast Pawlu Lanzon li għandu taħt idejh il-mużka tal-Knisja Kattidrali kien ukoll f'bosta okkażżjonijiet mexxej ta' din il-banda. Imma minn dawn kollha ta' min isemmi s-servizzi tajba u wisq kbar li għamlu lill-Banda "Leone" is-Surmast Criscimanno għall-Innu immortali ta' Santa Marija li kkompona fuq il-versi ta' Ramiro Barbara is-Surmast Gumarra li tiegħu l-banda għandha xita ta' biċċiet kbar ta' mużka u lis-Surmast Stivala li għamel l-Innu ta' din l-istess Għaqda Mużikali u li llum sar proprjeta' ta' din l-istess banda.

U xi ngħidu għas-Surmast tal-lum is-Sur Willie Attard? Kemm imxiet 'il quddiem din il-banda taħt it-tmexxija tiegħu?

Taħt is-Surmast Willie Attard il-Banda "Leone" kibret u ssaħħet u saret popolari u din is-sena għamlet record bl-istedin li kellha fil-festi ta' l-irħula ta' Għawdex. Mill-banda l-oħra l-programmi li ndaqqew fit-Tokk ma' tul is-sena u fil-festi li saru fil-Belt Vittorja kienu xhieda tal-ħila mużikali li fiha s-Surmast Willie Attard wassal lill-banda "Leone."

• • •

Għada, fid-9 p.m., mill-każin tal-Banda "Leone" jittxandru l-marċijiet ġodda li se jitżannu għall-okkażjoni fil-loudspeakers tal-Belt Vittorja u ta' l-irħula jiena miftuħa.

LILL-GRAN VERĠNI MARIJA

FIL-JUM TA' L-ASSUNZJONI TAGĦHA

www.gozocathedral.org.mt

SANTA MARJIA
1897 - 1997

kitba ta'
DUN JOE BEZZINA



www.gozocathedral.org.mt

Viva Santa Marija! Kien għad mank kelli erba' snin, iżda għadni niftakar qisu l-bieraħ, meta mġennen mis-sbuħija ta' din l-istatwa, nissilt għall-ewwel darba dawn il-kelmiet għal darba tnejn. Viva Santa Marija! Kien Mejju ta' l-1954. L-għażiż missieri, de-vot kbir tal-Madonna, ħadni nitlob quddiem Santa Marija dak iż-żmien miżmuma b'għożża kbira fid-dar ta' Karmnu, il-bużnannu tiegħi.

Għadni niftakar kif issaħħart meta mexxewli l-purtiera biex naraha! Marija mta-jra mill-anġli lejn Binha fis-sema, b'dirgħajha miftuħa, ħassejtha tkellimni bil-kisra ta' għa-jnejha u t-tbissima tant ħelwa ta' xofftejha.

Santa Marija — żewġ kelmiet li lissen kull min għandu jbaqbaq fih demm Għawdxi u Malti b'turija ta' qima lejn Omm Alla li dej-jem qisna bħala Patruna u Omm vera tagħna.

L-istatwa

Il-bidu tad-devozzjoni ta' l-Għawdxin lejn Santa Marija hi mitlufa fid-dlam ta' l-istorja. Iżda l-eqdem Knisja li nafu biha f'Għawdex hi proprju l-Matriċi ta' Santa Marija fl-1435. Minn dak inhar, inbnew, waqgħu, u reġgħu tellgħu bosta knejjes lil Marija Mtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem, lil Santa Marija. Fi-hom l-Għawdxin qiemu l-Marija min jaf b'kemm il-mod. Il-Katidral, b'kulma fih, hu waħdu xhieda kbira ta' din id-devozzjoni. Iżda bla dubju xhieda kbira ta' din id-devozzjoni hi l-istatwa ta' Santa Marija.

L-istorja tagħha teħodna lura sa l-1863, meta Ġorġ Tabone, il-Binu, għaqqad grupp mużikali li 'l quddiem ingħaqad ma' ieħor magħqud snin qabel minn Adriano Lanzon u l-ewwel issejjħu l-Banda ta' Binu u Dirjanu, u 'l quddiem, mill-1881, il-**Banda Leone**.

Il-banda kienet sa mill-bidu tieħu sehem fil-festa ta' Santa Marija, il-festa ewlenija tal-Għawdxin. Fl-1895, id-Direzzjoni tal-Banda talbet lill-Isqof ta' Għawdex, l-E.T. Mons. Ġwanni Marija Camilleri, biex il-Banda tingħata dritt esklusiv torganizza l-festi esterni ta' l-akbar festa ta' l-Għawdxin. It-taħdidiet twalu sa l-1897, iżda fil-bidu ta' dik is-sena il-Banda Leone ngħatat dak li xtaqet.

Il-Kumitat iddeċieda li jkabbar il-festi billi jordna statwa ta' Santa Marija. Fi żmien rekord, is-Sur Pawlu Pisani, megħjun minn membri oħra tal-Kumitat, ġabru l-flus meħtieġa. Il-membri tal-Kapitlu tal-Katidral taw bejniethom is-somma sabiħa ta' Lm4.28c. L-Ammiratur kbir tas-Socjetà, l-imħallef Ġużè Cremona, intbagħat Ruma biex jixtri l-aħjar li jsib. Wara li żar diversi statwarji magħrufa, l-għażla saret fil-*Fabbrica di Statue Religiose* ta' Francesco Rosa fin-naħiet tal-Vatikan. De-herlu li kienet l-isbaħ statwa ta' Marija Tiela' s-sema li qatt ra. L-Għawdxin tawh raġun.

Il-Madonna maqtugħa bejn l-art u s-sema qed isserraħ fuq sħaba mdawra minn żewġ anġli. Libsitha bajda silġ u minn rasha tgħattilha sa parti minn riġlejha; velu abjad jinżel ħelu ħelu minn fuq xagħarha li jinfirex minn wara għal quddiem. Iperper fuq kollox mant ċelesti. Il-ħarsa ta' għajnejha bħall-pali ta' idejha merfugħa 'l fuq iħarsu lejn is-sema. Did-dehra tagħha, flimkien mal-ġmiel ta' wiċċha u l-qagħda sabiħa ta' persuntha, inisslu f'min jieqaf iħares lejha ħsibijiet smewwija.

Kapolavur Ruman

L-istatwa waslet Għawdex fl-aħħar granet ta' Lulju 1897. Fetaħha mill-kaxxa Spiru Vella (tad-Dublun) u, kif qal mit darba, għoxa bil-ferħ meta lemaħha għall-ewwel darba. Il-Ġimgħa, 13 ta' Awwissu, l-istatwa tpoġġiet għall-wiri fil-Knisja ta' San Ġakbu fit-Tokk, Pjazza Indipendenza. Għas-sitta ta' fil-għaxija, l-isqof Camilleri tela' mill-Palazz biex iberikha. Dritt wara, saritilha dimostrazzjoni mat-toroq tar-Rabat bl-akkompanjament ta' marċi mill-Banda Leone. Għall-ħabta tat-tmienja tqegħdet fuq pedestall li sarilha ap-posta fit-Tokk. Fit-tmiem, il-Banda Leone żanżnet l-Innu *A Maria Assunta,* kompożiz-zjoni tas-Surmast tal-Banda Vincenzo Carabott.

Fl-istess żmien, billi l-każin tal-Banda Leone ma tantx kien kbir, intlaħaq ftehim ma' Karmnu Camenzuli, il-Bażulli, il-bużnannu tiegħi, biex iżomm l-istatwa f'daru. Karmnu mhux biss kien wieħed mill-mexxejja tal-Partit tal-Ljun, iżda wkoll devot kbir tal-Madonna, kif turi niċċa kbira li kellu ma' daru f'numru

84, Triq Vajringa. Meta fl-1906 mar joqgħod f'numru 97 fl-istess triq, lil Santa Marija bnielha niċċa mill-isbaħ fis-salott. Hemm kont rajtha jien ta' tliet snin u nofs.

Mill-1898, kull 13 ta' Awwissu filgħodu, l-istatwa kienet tittieħed fil-Knisja ta' San Ġakbu tat-Tokk, minn fejn fil-għaxija kienet tibda dimostrazzjoni fit-triqat medjevali tal-Belt ta' Għawdex. Wara d-dawra kienet tittella' fuq pedestall u ddum hemm sas-16 ta' Awwissu fil-għaxija, meta kienu jerġgħu jeħduha għand ta' Camenzuli. Bejn l-1897 u l-1956, did-dawra ta' nofs Awissu ma saritx ħames darbiet biss. Bejn l-1940 u l-1943 minħabba l-gwerra u fl-1955 'il għaliex il-festi esterni ma sarux.

Fl-ewwel snin, l-istatwa kienet titgħolla f'postha minn fuq palkett. Fl-1911, bit-taħbit u l-ġbir ta' Ġorġ Gatt, is-Sampinar, Mikelang Bajada, ta' Lalaja, u Ġużepp Gauci, ta' Gauci, sar pedestall il-ġmiel tiegħu fuq disinn ta' Monsinjur Ġużepp Farrugia, tal-Vers. Biex Santa Marija titgħolla aħjar f'postha, intgħamlet tarjola li permezz tagħha t-tlugħ fuq il-pedestal sar eħfef u iktar solenni, jixbaħ it-tlugħ ta' Marija fis-sema.

L-Innu l-Kbir

Fl-1913, il-Banda Leone fakkret għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tagħha u għalhekk il-festi ta' Santa Marija saru b'solennità iktar mis-soltu. Għal madwar il-pedestall tal-Madonna, iżżanżnu tmien statwi ta' l-istatwarju Wistin Camilleri: erba' anġli biex jitpoġġew eżatt madwar Santa Marija u erba' personaġġi bibbliċi — Mosè, David, Iżaija u Ġeremija — għan-naħa ta' isfel tal-pedistall.

Is-surmast tal-Banda Leone, Mro. Orlando Crescimanno, ikkompona l-Innu Immortali *A Maria Assunta*, fuq lirika tal-Professur Ramiro Barbarò di San Giorgio. Indaqq għall-ewwel darba nhar it-13 ta' Awissu, 1913, fil-għaxija. Dan l-innu trijonfali kien minn ta' l-ewwel li nkiteb għal festa f'Malta u f'Għawdex.

Mal-milja tas-snin, il-festa ta' l-Assunta baqgħet dejjem tikber. U bil-mod kibret spontanjament ħaġa oħra — devozzjoni lejn l-

istatwa ta' Santa Marija. Minkejja l-fatt li ħafna ma kienux jarawha għajr erbat ijiem matul is-sena, fil-ħtiġijiet tagħhom kemm tarruħ kif ukoll tal-ġisem, bdew minn djarhom jirrikorru b'devozzjoni lejha.

Karmnu beda jaqla' ħafna xama' biex jixgħelha quddiemha u sikwit id-devoti kienu jmorru jħabbtu daru biex iqimuha. L-emigranti, lura f'Għawdex mill-Amerika, mill-Awstralja, mill-Ingilterra jew minn Barberija, ħaduha drawwa qaddisa li jmorru jiżżuħajr lill-Assunta talli reġgħet wasslithom f'arthom qawwijin u sħaħ.

L-emigranti, ħafna drabi, ma kinux jiġu b'idhom f'idhom, imma kienu joffru l-Madonna xi oġġetti tal-fidda, tad-deheb, jew ħaġar prezzjuż. Biex kulħadd ikun jaf bil-grazzji li qed taqla' Marija, għodu għodu nhar it-13 ta' Awwissu, Karmnu kien iwaħħal ma' l-istatwa fost l-aħjar oġġetti li tkun qalgħet matul is-sena: xi barbazzal ta' deheb mill-ifjen, xi ċintill mimli brillanti jew djamanti, xi par imsielet tqal b'ħaġar prezzjuż, xi labra tad-deheb antika, u ċrieket bil-fossa, taż-żwieġ jew xi rużetta. In-nies kompliet tqanqlet bid-

www.gozocathedral.org.mt

devozzjoni. U nħolqot wegħda ġdida: xi nisa bdew idendlu huma stess oġġetti ta' wegħda. Ir-reffejja, mas-sinjal ta' min ikun imexxi, kienu ta' sikwit iġenbu l-Assunta lejn naħa jew oħra, biex dawk bil-qegħda jdendlu xi ħaġa prezzjuża u jtemmu l-vot tagħhom. Jiftakru x-xjuħ tagħna, ġie li waslet it-Tokk b'ċurkett fuq kull sebgħa taż-żewġ idejha.

Madwar tletin sena wara l-miġja ta' l-istatwa, qrib l-1927, meta f'Għawdex kien beda jintuża d-dawl elettriku, intgħamlet raġġiera enormi mill-isqalli Ċensinu Giuraġġiera. Kienet titwaħħal wara Santa Marija fuq marra. Kienet titwaħħal wara Santa Marija fuq il-pedestall. Ir-raġġi tagħha dawra mejt kienu jispiċċaw f'bozoz jixegħlu.

Id-domma ta' l-Assunta

L-istatwa ta' Santa Marija kienet għal iktar minn darba iċ-ċentru ta' l-attenzjoni ta' l-Għawdxin kollha. Hekk ġara lejlet Santa Marija 1942, hekk kif waslet l-aħbar li daħal fil-Port il-Kbir it-tanker *Ohio,* parti minn *konvoj* li n-nies laqqmitu *ta' Santa Marija,* u li għen biex Malta ma ċċedix fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija. Grupp ta' nies, immexxija minn Amleto Mampalao, marru ġabu f'malajr l-istatwa ta' Santa Marija u sa l-għaxra ta' filgħodu armawha fuq pedestall fil-bitħa tal-kazin. Sa l-għada, l-Għawdxin kollha marru jagħtuha qima.

Nhar is-6 ta' Mejju, 1947, tfakkar għeluq il-ħamsin sena mill-wasla f'Għawdex ta' l-Assunta. Lejlet il-festa, l-istatwa ttieħdet il-każin u tqiegħdet fuq il-palk taħt pavaljun ta' bellus aħmar u abjad miżmum fil-ġnub minn żewġ anġli. L-għada saret Akkademja Mużiko-Letterarja li għaliha s-sala kienet żgħira wisq għall-folol li attendew.

Fil-31 ta' Ottubru, 1950, lejlet il-proklamazzjoni tad-Domma tat-Tlugħ fis-sema ta' Marija bir-ruħ u bil-ġisem, l-istatwa ġiet esponuta fid-daħla tal-*Banca Giuratale* fit-Tokk għall-qima tal-fidili. Kienu bl-eluf l-Għawdxin li dak in-nhar u l-għada marru jqimuha. Ma' ġenbha, tpoġġiet vetrina għar-rigali li qalgħet l-Assunta f'dik l-okkażjoni. Fid-9 ta' Novembru, ittieħdet b'pellegrinagg *aux flambeaux* għall-Oratorju Don Bosco, fejn fil-11 ta' Novembru, saret Akkademja quddiem l-Assunta. Il-Banda Leone daqqet taħt id-direzzjoni ta' Mro. Willie Attard. Dak in-nhar iżżanżnet stumentatura ġdida.

Is-sena 1954 kienet dikjarata mill-Papa Piju XII bħala s-Sena Marjana. Fil-31 ta' Ottubru, Santa Marija ħarġet għall-aħħar darba mingħand ta' Camenzuli u twasslet b'marċ brijuż għall-qima tal-poplu fil-*Banca Giuratale*. L-għada ġiet imgħollija fuq palk armat apposta fit-Tokk. Wara programm mużikali vokali mill-Banda Leone, ittieħdet b'pellegrinagg *aux flambeaux* mat-toroq tar-Rabat. Wara tqiegħdet f'post li tħejjielha apposta fil-każin tal-Banda fi Triq l-Arċipriet Cassar.

Tinfetaħ il-mina

Tul dawn is-snin kollha, ta' l-Iljun kienu dejjem jittamaw li Santa Marija tidħol il-Katidral. Ġiet ix-xoqqa f'moxtha fl-1955. Nhar l-1 t'Awissu 1955, bid-Digriet *Cum hodiernis temporibus,* l-Isqof Pace fired il-parroċċa ta' San Ġorġ mill-Katidral, għaqda li kienet seħħet fl-1689. Il-Kumitat tal-Banda Leone talab lill-Isqof Ġużeppi Pace biex jagħti l-kunsens tiegħu ħalli l-istatwa ta' Santa Marija tittella' l-Katidral.

Id-diskussjonijiet min-naħa tal-Banda Leone tmexxew mill-Avukat Francesco Masini, President Onorarju; mis-Sur Joseph Vella Muskat, President; mill-Ispiżjar Louis Abela, Vici-President; u mis-Sur Gorg Attard, Segretarju; mgħejjuna minn Patri Robertu Gatt, Gwardjan tal-Kapuċċini; u Monsinjur Tarċis Gatt, dik il-ħabta ċerimonjier ta' l-Isqof.

Fl-20 ta' April, 1956, il-President tas-Socjetà, is-Sur Ġużi Tabone, permezz ta' l-Avukat Francesco Masini, ippreżenta rikors lill-Isqof ta' Għawdex, li fih għarfu:

Li l-Kumitat tas-Socjetà Filarmonika tiegħu qatagħha li fid-29 tax-xahar issir iċ-ċeremonja solenni tat-tberik ta' l-istatwa ta' Marija Assunta, proprjetà ta' l-istess Socjetà Leone, biex wara tittieħed f'purċissjoni solenni bil-parteċipazzjoni tal-kapitlu, tal-kleru u tal-poplu mill-post fejn titbierek għall-

www.gozocathedral.org.mt

knisja Katidrali, fejn tinżamm, biex kull 15 ta' Awwissu fil-għaxija tiddawwar proċessjonalment mal-Belt Victoria bl-akkumpanjament tal-Banda Leone.

Għarfu wkoll:
Li l-Kumitat qed jirregala din l-istatwa bil-kundizzjonijiet:

(1) li l-Banda Leone jkollha d-dritt esklussiv takkompanja l-purċissjoni, u

(2) li jinħatar Prokuratur biex jaħseb għall-ispejjeż tal-festi interni li kellhom isiru b'ikbar solennità f'ġieħ l-Imqaddsa Verġni Marija Assunta, titular tal-Knisja Katidrali u Patruna tad-Djoċesi ta' Għawdex.

Ir-rikors jagħlaq billi jitlob:

Lill-E.T. ħa jagħti l-permess meħtieġ u jaċċetta l-għotja ta' l-istatwa ta' Santa Marija lill-Knisja Katidrali ta' Għawdex bil-kundizzjonijiet imsemmija.

L-Isqof ta' Għawdex formalment aċċetta dan kollu fis-27 ta' April. L-għada, Santa Marija sebħet armata fl-intrata tal-każin. Serbut twil ta' nies minn Għawdex kollu żaru lill-Assunta dak inhar. Għadni niftakar anki jien, tifel żgħir, mort inżurha maz-zija tiegħi.

Kulħadd kien jieqaf imsaħħar mis-sbuħija ta' l-istatwa li għall-okkażjoni kienet restawrata mill-istatwarju Wistin Camilleri. Kulħadd ammira kullana u ċinturin li żżanżnu dak inhar. Kulħadd ħalla xi offerta qabel ma ħareġ. Sa fil-għaxija ta' l-għada, ingħataw qalb tad-deheb, salib tal-fidda, xintill, tliet labriet tad-deheb, u ħaġar prezzjuż, sitt brazzuletti, seba' pari msielet, wieħed u ħamsin ċurkett u Lm34.92c.

Sadatant, ta' l-Iljun kien u solvew biċċa ksur ir-ras oħra. Saż-żmien li qegħdin ngħidu, biex tidħol fiċ-Ċittadella kien hemm biss il-mina zgħira, li kienet ilha hemm min jaf għal kemm sekli. Minn taħtha l-istatwa ta' l-Assunta ma kenitx tgħaddi. Kien hemm ħtieġa li tinfetaħ mina ikbar faċċata tal-Katidral.

Ma kenitx ħaġa faċli li ssir dil-qasma fis-swar; iżda daqskemm kienu kbar l-intoppi li nqalgħu, daqstant ieħor kienet soda r-rieda tal-Kumitat li dil-mina tinfetaħ. U bl-għajnuna tas-Sur Wenzu Debrincat, membru parlamentari laburista, id-diffikultajiet intrebħu kollha.

It-Tnejn, 9 ta' Jannar, 1956, ħafna partitarji ta' l-Iljun flimkien mal-ħaddiema tal-Gvern, bdew iżarmaw il-ħitan. F'inqas minn tliet xhur, ix-xogħol ewlieni tlesta. Il-Katidral ħa dehra isbaħ u fuq kollox issa setgħet issir purċissjoni bl-istatwa.

Id-29 ta' April, 1956

Sa fl-aħħar wasal il-jum tant mistenni. Sebaħ il-jum li min jaf kemm kienu ħolmu biha dawk kollha li ħabbew lill-Assunta. Bexbxet l-awrora tad-29 ta' April, 1956.

Kien il-Ħadd. Jum xemxi, iżda b'irjieħ qawwija mill-punent. Ħafna mill-armar ta' barra ma setax jintrema. Diversi bandalori li kellhom jiżżanżnu dik il-għodwa ma setgħux jittellgħu. Velu ta' dieqa kien igħatti wiċċ kulħadd. Iżda l-Madonna mis-sema kienet għażlet għaliha dik il-jum. Ma' nofsinhar ir-riħ beda jonqos. Iż-żgħażagħ ta' Ljun ħarġu jwaħħlu f'malajr kulma kellhom ippreparat. Sa l-erbgħa kienet kalma perfetta.

Eluf ta' nies minn kull rokna ta' Għawdex u anke minn Malta kienu sadattant ħonqu kull post fl-inħawi ta' Savina. Fl-erbgħa ta' fil-għaxija, l-istatwa ta' l-Assunta akkumpanjata mill-Banda Leone ħalliet il-każin għall-aħħar darba. Minn Triq Mikelanġ Refalo, ġiet imdawra mal-Pjazza tat-Tokk u fost ċapċip li jtarrax twasslet Pjazza Savina. Fil-ħamsa u nofs, telqet purċissjoni mill-Katidral immexxija mill-Arċidjaknu Pawlu Cauchi għal Pjazza Savina fejn ftit wara wasal ukoll l-E.T. Monsinjur Ġuzeppi Pace, Isqof ta' Għawdex.

Il-President, is-Sur Ġużi Tabone, għamel diskors qasir li fih niseġ fil-qosor l-istorja ta' l-istatwa majestuża ta' l-Assunta. Imbagħad, Mons. Isqof, megħjun minn Monsinjur Salvatore Attard, kappillan tal-Banda, bierek l-istatwa. Dritt wara, il-President, f'isem il-Kumitat u l-partitarji kollha tal-Banda Leone, ipprezentaha lill-Knisja Katidrali ta' Għawdex.

Mal-preżentazzjoni, tal-kurunetti daqqew tislima lill-Madonna. Ċapċipa li ttarrax dwiet ma' Pjazza Savina. Minn fuq is-sur beda tiela' salut li spiċċa f'kaxxa infernali.

Il-purċissjoni bdiet titħarrek bil-mod il-mod fost il-folla immensa lejn il-Katidral. Fis-sebgħa sewwa ta' dak il-jum storiku tad-29 ta' April, Santa Marija waslet għall-ewwel darba fil-Pjazza tal-Katidral.

Il-waqt mistenni kien wasal! Il-kelma miktuba qatt ma tasal biex tfisser il-ferħ li ġarrab il-poplu dak il-ħin. Ċapċip ta' eluf. Sparar ta' murtali. Daqq ta' qniepen ferreħija. U bid-dmugħ iġelben minn għajnejha, il-kotra għajtet għalenija: Viva, Viva, Santa Marija!

Wara ftit tal-ħin, minn fuq it-taraġ tat-Tempju Ewlieni tal-gżira, l-E.T. għamel diskors ta' merħba lill-Assunta. U l-folla, mill-ġdid għalenija, kantat mal-banda l-Ave Marija. Imbagħad, Santa Marija ddaħħlet għall-ewwel darba fil-Katidral.

Waqt riċeviment li sar fil-Każin tal-Banda Leone dritt wara, il-President tas-Socjetà, is-Sur Tabone, fil-preżenza tal-President Onorarju, l-Avukat Francesco Masini, ippreżenta kalċi sabiħ lill-Isqof b'turija ta' qima u radd il-ħajr talli għamel possibbli l-ġrajja ta' dak il-jum. Il-Banda Leone għalqet dak il-jum storiku bi programm vokali strumentali fil-Pjazza tat-Tokk taħt id-direzzjoni tas-Surmast Willie Attard. Ħadu sehem ukoll it-tenur Nazzarenu Refalo u s-Sopran Hilda Tabone.

Fit-tlett ijiem ta' wara, fil-Katidral saru festi speċjali b'tifkira li matulhom Santa Marija kienet esponuta fil-Knisja. Wara tqiegħdet f'niċċa maħduma mill-ġebla Maltija. Bħala l-ewwel Prokuratur inħatar Mons. Mikiel Grech. Il-Festi ta' l-Assunta ta' l-1956 kienu mill-ikbar li qatt saru. Għall-ewwel darba, fil-15 ta' Awissu, fil-għaxija, Santa Marija ttieħdet f'purċissjoni mat-triqat tal-Belt Victoria. Fid-19 ta' Diċembru, il-Kumitat tal-Banda poġġa rħama fil-Katidral, b'kitba ta' Mons. Attard, biex il-ġrajja l-kbira tad-29 ta' April tibqa' mfakkra għal dejjem.

Konklużjoni

Permezz ta' Santa Marija, il-ħajja pastorali fil-Katidral, li kienet tħalliet tispiċċa kważi fix-xejn, reġgħet ħadet ir-ruħ. Id-devoti ta' l-Assunta issa bdew ta' kuljum iżuruha u jitolbuha. L-offerti li komplew u għadhom jagħmlu tal-grazzji maqlugħa ma jitwemmnux jekk ma tarax b'għajnejk u tmiss b'idejk.

Mit sena wara, l-istatwa ta' Santa Marija għadha l-fulkru tal-festi ta' nofs Awwissu, il-kalamita li tiġbed lejn Għawdex eluf u eluf ta' nies minn kull rokna ta' dawn il-gżejjer u anki minn barra, is-sbuħija smewwija li tħenni l-qlub.

Bibljografija qasira

It-tagħrif għal dan l-artiklu nġabar fl-1981, fl-okkażjoni tat-tqiegħed ta' l-Istellarju fuq ras Santa Marija.

Għal kitba tiegħu kont ikkonsultajt il-gażżetti kollha ta' dak iż-żmien u diversi programmi ta' tifkira.

Kont intervistajt ukoll lil: Abela Louis, Apap Carmelo, Apap Joseph, Bezzina Francesco, Camenzuli Dolores, Camilleri Cauchi Pawlu, Cordina Vincenzo, Debrincat Wenzu, Gauci Mons. Ġużeppi, Grech Grazio, Grech Joseph, Grech Vincent, Masini Michael, Mompalao Amleto, Scicluna Mons. Carmelo, Scicluna Frances, Tabone Ġużi, Tabone Vinċenza, Vella Karlu, Vella Muskat Joseph, Xerri Ġużepp, Xerri Salvatore.

ARCHIVES LEONE PHILHARMONIC SOCIETY, *Minutes. Miscellaneous Programmes. Music Papers.*

ARCHIVUM CATHEDRALE GAUDISIENSE, *Pastoralia, Il-firda tal-Parrocci u l-Għoti ta' l-Istatwa* (file ta' korrispondenza).

ARCHIVUM EPISCOPALE GAUDISIENSE, *Decreta, Camilleri*, 1895-97. *Pace*, 1955-56. *Ricorsi speciali*, 1956.

BEZZINA Joseph, *Parish Titular Statues in Gozo* (= Gaulitana 5), Gozo 1988.

GRECH Grazio A., *Ġrajjiet il-Banda "Il Leone" ta' Għawdex*, Għawdex 1967.

IL-MATRIĊI TA' L-ASSUNTA TA' GĦAWDEX ISSIR KOLLEĠĠJATA U TIBQA' KNISJA PARROKKJALI

minn

Alexander Bonnici OFMConv

www.gozocathedral.org.mt

ATRIUM
- WINE BAR & GRILL -

Delighted scents and genuine
flavours of the Gozitan hills

Galleria Gaulos/Castle Street, Victoria - VCT 104, Gozo.
Tel: 562384 • Fax: 562388

www.gozocathedral.org.mt

Ma ridt nidħol fl-ebda polemika dwar dak li nkiteb tul l-aħħar xhur, għalkemm il-fehmiet tiegħi ġie li esprimejthom kemm f'xi taħdita kif ukoll f'korrispondenza privata. Kien hemm min inqeda b'ismi biex jagħti qawwa lil xi kitba tiegħu, u qal għalija dak li jiena ma għidtux. Imma ma kienx il-każ li nwieġeb għaliex dan il-kittieb ħeba ismu. L-ittri anonimi ma humiex ta' min iweġibhom. B'din il-kitba, jiena nikkonferma dak li diġa' ktibt dwaru dwar il-parrokkjalità tal-Kolleġġjata ta' l-Assunta. Imma sejjer inżid ftit dokumenti oħrajn li jissuktaw jiċċaraw l-argument. Jekk mhux għal ħaġ'oħra, lil Anton F. Attard (li jiena ma nafx li qatt kellimtu) apprezzajt għax dejjem wera ismu. Sostanzjalment, jiena naqbel ma' dak li kiteb.

Meta l-Parroċċa saret Kolleġġjata

Fl-20 ta' Ottubru 1663, il-bolla *Superna Dispositione* tal-Papa Alessandru VII għolliet lill-Parroċċa-Matriċi ta' l-Assunta ta' Għawdex għall-ġieħ ta' Kolleġġjata. Hemm insibu: "Għall-esekuzzjoni ta' dawk l-ittri appostoliċi, lill-knisja ta' Għawdex imsemmija għall-Assunzjoni nissopprimulha u nneħħulha t-titlu ta' parroċċa u niddikjarawha bħala Knisja Kolleġġjata Insinji."[1]

Il-kelmiet minnhom innfishom joħolqu dubju dwar jekk lill-Kolleġġjata l-ġdida tneħħitilhiex il-ħidma pastorali ta' parroċċa. L-ewwel riflessjoni nagħmilha billi nxebbaħ il-bolla tal-Kolleġġjata ta' l-Assunta ma' dik li l-Papa Urbanu VIII kien ħareġ fil-5 ta' Diċembru 1630 għall-parroċċa ta' Birkirkara. Fil-bolla *Sacri Apostolatus Ministerio*, insibu d-dikjarazzjoni li ġejja dwar Birkirkara: "Għal dejjem nissopprimuha minn parroċċa, u ngħolluha bħala Knisja Kolleġġjata, imsemmija għal Sant'Elena".[2]

Għalkemm il-kelmiet huma identiċi għal dawk ta' Għawdex, lil Dun Filippu Borg, l-ewwel Prepostu, mhux biss ma tneħħitlux il-kura ta' l-erwieħ bħal kull Kappillan, imma wkoll għall-istess ħidmiet parrokkjali ġie mogħti lilu Vigarju Perpetwu. Dan sar bis-saħħa ta' bolla oħra tas-27 ta' Settembru 1643.[3] Fil-fatt, f'Birkirkara, qatt ma għaddielhom minn moħħhom li kienu spiċċaw il-ħidmiet tal-knisja bħala parroċċa.

Madankollu, nistgħu nibqgħu f'Għawdex stess. Il-parroċċa tan-Nadur, ftit iżjed minn mit sena ilu, fl-1894, bil-bolla *Sanctae Romanae Ecclesiae* tal-Papa Leone XIII, ġiet mgħollija għall-ġieħ ta' Kolleġġjata Insinji. Fit-test tal-Bolla, li nistgħu narawha fl-Arkivju tal-Kurja Djoċesana ta' Għawdex, insibu li lil tan-Nadur ukoll jitneħħewlha t-titli ta' parroċċa u matriċi, għax ġie mogħti titlu aqwa, li hu dak ta' Kolleġġjata Insinji. Hawn ukoll, waqt li nsibu t-tneħħija tat-titlu ta' parroċċa, naraw li jitqiegħed Arċipriet bil-kura ta' l-erwieħ.[4]

Dan ix-xebħ ma' oħrajn juri li l-kelmiet "nissopprimu l-Knisja Parrokkjali"[5] ma jfissrux li l-Parroċċa spiċċat. Sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor, l-espressjoni fil-kontest ta' erezzjoni ta' Kolleġġjata tfisser biss li tneħħa titlu għax ġie mogħti wieħed aqwa minnu. Dwar dan, jiena nnifsi diġa' kelli l-okkażjoni li nikteb f'pubblikazzjonijiet oħrajn. Imma jixraq li ndaħħal hawn żewġ siltiet importanti mill-bolla *Superna Dispositione* nnifisha. Għall-Kolleġġjata ta' l-Assunta, il-Papa Alessandru VII, immedjatament wara li qiegħed il-kelmiet li bihom wieħed seta' jaħseb li ġiet imneħħija l-ħidma pastorali, daħħal oħrajn li weħidhom itajru minn moħħna kull dubju. Dawn huma: "Ikun hemm fil-Kolleġġjata l-Arċipresbiterat, bħala dinjità prinċipali. L-Arċipriet ikollu f'idejh il-kura ta' l-erwieħ, u din tibqa' bħalma kienet qabel". Ftit iżjed 'l isfel, jerġa' jitfakkar li l-Arċipriet ma kien se jitneħħielu xejn mill-obbligu tiegħu dwar il-kura pastorali ta' dawk li jitqiesu l-parruċċani tiegħu.[6]

Esekuzzjoni tal-Bolla u Kjarifika

Il-bolla diġa' kienet ċara biżżejjed minnha nnifisha. Inżidu wkoll li dokument pontifiċju ieħor diġa' kien iċċara kull ħjiel ta' dubju sa minn qabel ma l-bolla ġiet esegwita. Kulħadd kien qiegħed jifhem b'mod car it-tifsira evidenti tal-kelmiet tal-bolla. Fil-fatt,

www.gozocathedral.org.mt

Sakemm għada żgħira, il-ħajja faċli !

Iżda 'il quddiem ma' tistax tgħid x'jinqala.

Il-Bank of Valletta jista' jgħinek. Aħna noffru **Lifelink**, firxa wiesgħa ta' prodotti ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja maħsuba biex jaqdu l-bżonnijiet individwali tiegħek. L-impjegati tagħna huma imħarrġin biex jgħinuk tagħżel polza ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja addattata għalik u li toffri sigurta u protezzjoni għal familja tiegħek.

Għal aktar informazzjoni, irrikorri l-**Lifelink** sales office tal-Bank of Valletta, f'66, South Street, Valletta, jew ċempel 226275-9 waqt il-ħinijiet tax-xogħol. Tista' wkoll tistaqsi f'kull fergħa tal-Bank of Valletta.

Bank of Valletta

L-Aqwa Bank f'Malta

Bank of Valletta Limited is a licensed insurance salesman of Middle Sea Valletta Life Assurance Company Limited

iżjed tard, meta l-Kolleġġjata ġiet mgħollija għall-ġieħ ta' Katidral, tneħħielha t-titlu ta' Kolleġġjata għax kisbet wieħed aqwa minnu.

Madankollu, il-Papa Alessandru serraħ ras min seta' jiddubita billi, fl-10 ta' April 1665, bagħat bolla oħra li, mill-ewwel kelmiet tagħha, insejħulha *Siquidem Nos Certis*. Aħna nafu li t-titlu ta' Kolleġġjata kien diġa' jeżisti fil-Matriċi ta' Għawdex bil-qawwa ta' Editt. L-Isqof Malti Badassarre Cagliares fl-1623 kien iddikjara lill-Matriċi bħala Kolleġġjata b'kundizzjoni li tiġi kkonfermata mill-Papa. Alessandru VII wera ma' dawk tal-Matriċi li hu ma riedx ineħħilhom dak li neħħilhomx l-Isqof Cagliares. Aħna nafu li Cagliares ma kienx neħħieha minn parroċċa. Barra minn hekk, għalkemm il-Papa għandu kull setgħa, hi proċedura li t-titli ta' parroċċa jingħataw jew jitneħħew mill-Isqof tad-Djoċesi u mhux mill-Papa.[7]

Dokument Pontifiċju għandu l-bżonn li jiftiehem f'kull kelma tiegħu. Dan ngħiduh anki għal dokumenti li joħorġu minn idejn xi Isqof. Ġie li xi Isqof jagħti t-titlu ta' Kolleġġjata u lill-Kolleġġjata mwaqqfa minnu jagħtiha xi onorifiċenzi li hu nnifsu jsejħilhom "*Ad instar*".[8] Imbagħad, tkun mitieqa u mistennija l-approvazzjoni pontifiċja. Kolleġġjata tassew hi dik li ssir minn Papa. Nafu li dik tal-Matriċi ta' Għawdex, wara li ġiet mogħtija mill-Isqof Cagliares, il-konferma kienet mistennija mingħand il-Papa Girgor XV, imma mbagħad ġiet tassew mingħand Papa Alessandru VII.[9] Ta' xi Kolleġġjata, l-approvazzjoni pontifiċja ma tiġi qatt.

Il-Bidu tal-Ħajja ta' Kolleġġjata bil-Parroċċa fiha

Wara l-esekuzzjoni tal-Bolla tal-Kolleġġjata, il-ħajja u l-ħidma pastorali ma qatgħu qatt. Ma hemmx sena waħda biss li matulha l-Arċipriet tal-Matriċi-Kolleġġjata ma eżerċitax l-awtorità tiegħu fil-kura ta' l-erwieħ. Imma, jekk norbtuha mal-Bolla tal-Kolleġġjata, dwar il-parrokkjalità jkun aħjar li nibdew mis-sena 1668.



Fl-Atti tal-Kapitlu ta' Għawdex, inkiteb: "Ittieħed il-pussess ta' l-erezzjoni l-ġdida tal-Kolleġġjata fil-knisja Matriċi ta' Għawdex bit-titlu ta' l-Assunzjoni tal-Verġni Mbierka Marija f'idejn l-Illustrissmu Monsinjur Angelo Ranuzzi, Inkiżitur u Delegat Appostoliku għall-esekuzzjoni tal-Bolli". Fost id-disa' kanonċi, l-Arċipriet Dun Ġann-Anton Camilleri tqiegħed fl-ewwel post. Tissejjaħ "erezzjoni ġdida" għax l-ewwel waħda kienet dik ta' Cagliares.[10]

Biex din it-tifkira solenni ma tintesa qatt, l-Arċipriet Camilleri niżżel nota tagħha fir-reġistru tal-Magħmudijiet tal-parroċċa-kolleġġjata. Hemm insibu: "Fil-25 ta' Frar 1668: ġurnata tal-glorjuż appostlu San Mattija, bil-qawwa ta' sentenza mogħtija mill-Ill.mu u Rev.mu Sinjur Angelo Ranuzzi, Inkiżitur u Delegat għall-Esekuzzjoni, ittieħed il-pussess ta' din il-Kolleġġjata, kif jidher fl-Atti tan-Nutar Mastru Natal Parmisciano. Il-pussess ingħata lil Dun Ġann-Anton Camilleri, Dun Bartilmew Zarb, Dun Mattew Dallo, Dun Bernard Hasciac, Dun Pietru Cini, Dun Ġorġ

www.gozocathedral.org.mt

We at

RAINDROPS

Can change your house to a home with unique flower Arrangements and exotic indoor and outdoor plants.

Landscape your garden with pleasure
Get rid of watering troubles by using our drip irrigation system.

Get rid of pests with our expert advice.

Enjoy a healthy swim in your pool with our new line of Pool Care Products.

SHOP
23 Main Gate Street,
Victoria, Gozo.
Tel: 554114

STORES & OFFICE
Borg Gheritu Street,
Victoria, Gozo.
Tel: 551254, Fax: 561489

www.gozocathedral.org.mt

Paci. Sabiex il-bolla tkun esegwità, dan Dun Ġorġ Paci għadda erba' snin f'Ruma; kien ġie mibgħut hemm mis-Sinjuri Dun Ġakki Selon, Dun Marċell Frendo, u Dun Arkanġlu Saliba. Dan ta' l-aħħar għadda għal ħajja aħjar tlett ijiem qabel il-pussess. Jiena (jikteb l-Arċipriet) f'sena minnhom mort Ruma għal darbtejen fi żmien dik il-kawża."[11]

Il-kura ta' l-erwieħ baqgħet f'idejn l-Arċipriet.

L-Eżerċizzju tad-Dmirijiet u Drittijiet Parrokkjali

L-istorja tal-ħidmiet parrokkjali fil-Kolleġġjata ta' l-Assunta hi waħda twila, anki għaż-żmien meta kien hawn min qal li matulu ma kenitx parroċċa. Id-dokumenti jitkellmu weħidhom. L-għada stess tal-pussess tal-Kanonċi, fis-26 ta' Frar 1668, l-Arċipriet Camilleri niżżel fir-reġistru parrokkjali magħmudija ta' parruċċan ġdid tiegħu: "Jiena, l-Arċipriet, għammidt lil Mattija, iben Pietru Madiona u martu Maruzza".[12] Il-magħmudijiet baqgħu sejrin bil-mijiet f'dawk l-ewwel snin tal-Kolleġġjata. Fl-ewwel snin kien hemm dawn: 1668: **125**, 1669: **155**, 1670: 155, 1671: **124**, 1672: **85**, 1673: **140**, 1674: **150**, 1675: **128**.[13]

Għammed kważi dejjem l-Arċipriet innifsu. Imma, fl-ewwel snin tal-Kolleġġjata, hu kellu miegħu lil Dun Bartilmew Zarb, li ssejjaħ *Viċi-Arċipriet*.[14] Mill-1671, jidher Dun Ġwann-Pietru Dallo li ssejjaħ *Viċi-Parroku*.[15] Ġie li għammed xi qassis ieħor, bħal Dun Pawl Laurer, imma bl-awtorizzazjoni ta' l-Arċipriet.[16]

Lil xi magħmudija, nistgħu nsejħulha storika. Fost l-oħrajn, fis-27 ta' Diċembru 1670, il-Kan. Dun Ġann-Anton Camilleri kiteb: "Jien, l-Arċipriet, għammidt l-ilsir tiegħi ta' xi 16-il sena, li hu mil-Lvant. Wara li ġie mgħallem fil-Fidi Kattolika, tlabt mingħand ir-Rev.mu Vigarju Ġenerali l-permess biex inkun nista' ngħammdu. Ġie mogħti l-isem ta' Ġamri. Il-parrinu fil-magħmudija kien Fra Gueralta, il-Gvernatur."[17]

Każ ieħor kien dwar tarbija li riedu jeħilsu minnha. L-Arċipriet, fl-1671, kiteb: "Jiena, l-Arċipriet, għammidt taħt kondizzjoni lil Publju, li nstab imwaddab f'post pubbliku."[18]

Ir-rit taż-żwieġ ma qata' qatt minn din il-knisja parrokkjali. Kien iżewweġ l-Arċipriet jew xi qassis iddelegat minnu.[19] Qatt ma kien hemm żmien twil bejn tieġ u ieħor. L-eżempju ta' xi żewġ każijiet hu biżżejjed biex jissokta juri l-parrokkjalità tal-Kolleġġjata. F'dak tal-5 ta' Ottubru 1670, jissemmew separatament il-parroċċi ta' l-Assunta u ta' San Ġorġ. Kien żwieġ bejn Ġann-Pawl Zarb u Dorotea Grima li għalih: saru t-tnidijiet kemm f'parroċċa kif ukoll fl-oħra".[20] Fis-26 ta' Lulju 1676, l-Arċipriet tal-Matriċi rreġistra ż-żwieġ bejn Tumas Bonnici u Klemenzja Galea. Lilhom, li sejħilhom membri tal-parroċċa tiegħu, żewwiġhom hu nnifsu bħala l-Arċipriet ta' l-Assunta.[21] Fit-22 ta' Ottubru 1673, dwar it-tieġ bejn Ġamri Grech u Marija Busuttil, l-Arċipriet kiteb: "Saru t-tnidijiet tas-soltu fil-parroċċa tiegħi".[22] Kontinwament, f'dawk is-snin, għal koppji li żżewġu fil-Kolleġġjata nkiteb li kienu: "membri tal-parroċċa tiegħi".[23] Ġie li r-raġel kien minn xi parroċċa oħra. Hawn qegħdin żmien qasir biss qabel ma nqatgħet mill-Matriċi ta' l-Assunta x-Xewkija biex saret parroċċa għaliha. Hu żwieġ tat-18 ta' Awissu 1678. L-Arċipriet Camilleri, f'dan iż-żwieġ ta' Għawdxija ma' Malti mir-Rabat, kiteb: "Saru t-tliet tnidijiet tas-soltu... għaż-żwieġ fil-Matriċi bejn Marija Farrugia, bint Publju, u Nazju Ellul li hu Malti. Bil-permess tal-Kappillan tar-Rabat, jiena għaqqadthom fiż-żwieġ fil-Matriċi".[24]

1678: Il-Parroċċa qabel ma bdiet tinqasam

Fl-Arkivu tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, hemm *Status Animarum* ta' l-1678. Dan ġie miktub mill-Isqof Mikiel Ġlormu Molina, li kien għadu kif ħa f'idejh it-tmexxija tad-djoċesi ta' Malta u Għawdex. Fl-istess sezzjoni ta' l-Arkivju, *Status Animarum* tal-parroċċa ta' San Ġorġ ma hemmx, Dan

www.gozocathedral.org.mt

GĦALL-INDURATURI

Deheb ta' l-induratura, silver leaf, aluminium leaf u l-artikli kollha għall-induratura

E.T. THEUMA CO. LTD.

E. THEUMA & CO. LTD., THEUMA HOUSE, 302, ST. PAUL STREET, VALLETTA VLT 07. TEL: 234075/236605. FAX: 244201

Coney Island Bar

Jawguraw il-Festi t-Tajba lill-klijenti tagħhom...

13, Sir Adrian Dingli Street, Victoria.
Tel: 551289

www.gozocathedral.org.mt

jagħtina x'naħsbu li l-Isqof ried ikun jaf tajjeb il-qagħda tal-Matriċi qabel ma jaqta' minnha żewġ parroċċi.[25]

Il-parroċċa ta' l-Assunta, fl-1678, kienet imqassma fi tliet żoni:
(b) il-kastell kollu,
(c) bicca żgħira mir-Rabat, u
(d) il-parti l-kbira tal-kampanja Għawdxija.

Bħala parruċċan l-iżjed importanti, tniżżel li kien il-*Kavallier Ettore Pinto de Sosa*, il-Gvernatur ta' Għawdex. Immedjatament warajh, jiniżżel Bartolomeo De Villa, il-loktenent tiegħu.[26] Imbagħad, tiġi l-lista tal-kanonċi. Dawn kienu ħdax, imma tnejn minnhom kanonċi-koġituri. Warajhom, tiġi l-lista tal-membri tal-kleru, li kienu 26; fosthom x'uħud kienu għadhom djakni u wieħed kien suddjaknu.[27] It-taqsim l-ieħor hu skond il-familji.

Fil-*Kastell*, il-persuni li joqogħdu hemm kien 207.[28] Fir-Rabat, kien hemm 59 ruħ biss li kienu jiddependu mill-Kolleġġjata. L-oħrajn kienu mal-parroċċa ta' San Ġorġ.[29] Iż-żona tal-kampanja kienet l-akbar waħda għall-parroċċa tal-Kolleġġjata. Il-parruċċani kienu mifruxin minn tarf għal ieħor ta' Għawdex. Jekk ngħoddu flimkien l-ismijiet ta' dawk li fil-kampanja kienu mal-Kolleġġjata, naslu għal 2738 ruħ.[30]

B'kollox, il-parroċċa ta' l-Assunta kellha 3004 jiddependu minnha. Qassisin biżżejjed kellha. Imma l-bogħod u n-nuqqas ta' mezzi ta' trasport bdew joħolqu ħafna problemi. Inħassu wkoll problemi dwar il-ħajja ta' x'uħud. Kien hemm familji mifrudin, xi waħdiet li ma redux jafu bil-Knisja, u anki xi prostituta.[31]

Xewkija u Għarb:
Jinqatgħu mill-Parroċċa ta' l-Assunta

Fis-27 ta' Novembru 1678, inqatgħet għal rasha l-parroċċa tax-Xewkija. Jiena nnifsi ppubblikajt għall-ewwel darba d-digriet ta' l-Isqof Molina.[32] Fih, b'kelmiet ċari, l-Isqof kiteb li l-parroċċa l-ġdida nqatgħet bil-kunsens ta' l-Arċipriet tal-Matriċi ta'



Għawdex. Kien l-Arċipriet Camilleri nnifsu li wasal għal ftehim ma' l-Isqof Molina dwar liema kellhom ikunu l-limiti tal-parroċċa l-ġdida. Bis-saħħa ta' din l-ewwel parroċċa tal-kampanja, dik il-parroċċa li kienet ilha Matriċi sa minn żmien immemorabbli, reġgħet saret Matriċi fil-veru sens tal-kelma. Il-parroċċa ta' l-Assunta tat lill-parroċċa l-ġdida tax-Xewkija x'uħud mill-artijiet tagħha bħala mezz ta' għajxien għal dak li jmexxiha. B'hekk, il-parroċċa ta' l-Assunta saret omm li għenet biex tgħajjex lil bintha: il-parroċċa l-ġdida li ħarġet minnha.[33] Għalhekk, bla dell ta' ebda dubju, ikollna ngħidu li l-istorja ftiehmet ħażin minn min kiteb mod ieħor.[34]

L-istess każ ġie ripetut disa' xhur wara. Fid-29 ta' Awissu 1679, b'digriet ieħor ta' l-Isqof Molina nqatgħet mill-Matriċi ta' l-Assunta l-parroċċa tal-Għarb.[35] Id-digriet ikellimna waħdu meta naqraw fih li n-nies ta' Għarb, bil-lejl, ma kenux jistgħu jinqdew bil-Matriċi għax din kienet tkun magħluqa bejn il-ħitan tal-kastell li, bil-lejl, kien ikun imsakkar. Naqraw ukoll li l-limiti ġew mogħtijin

www.gozocathedral.org.mt

Fashion
Club
THE SIGN OF FASHION

Beaver
THE FASHION PLACE

Importers of exclusive clothes, hats and footwear at reasonable prices.

Beaver, 2, St. George's Square, Victoria. *Fashion Club, Tigrija Palazz, Victoria.* ***Tel: 551287***

The Showcase
...where Giftware means Luxury!

SCICLUNA
HOUSEHOLD GOODS & CANE FURNITURE (GOZO) LTD.

Shops: 11, 30, 32, 72, 101,
Palm Street, Victoria, VCT 103,
Tel. 554137; 556493.

www.gozocathedral.org.mt

"mill-knisja Matriċi bit-titlu ta' l-Assunzjoni tal-Verġni Marija". Bħalma sar għax-Xewkija, il-parroċċa ġdida ta' l-Għarb ukoll ġiet iddotata mill-Kolleġġjata ta' l-Assunta.[36] Inżidu wkoll li ż-żewġ digrieti ma fihom l-ebda ħjiel li xi parti mil-limiti ġew meħudin minn xi parroċċa oħra.

Wara li nqatgħu l-Parroċċi tal-Kampanja

Fit-28 ta' Lulju, 1679, miet l-Arċipriet Camilleri. Fiż-żmien ta' parrokat vakanti, tidher id-distinzjoni bejn it-tliet parroċċi li kien hemm f'Għawdex: l-Assunta, San Ġorġ u x-Xewkija. Għal tal-Għarb, kien għad jonqos xahar. Meta ma kienx hemm Arċipriet fil-Kolleġġjata, il-ħidmiet parrokkjali baqgħu sejrin l-istess. Sakemm ma sarx l-Arċipriet il-ġdid, Dun Alessandru Maglione kien qed imexxi bħala Vigarju-Kurat (1679-1681).

Reġistrazzjoni ta' żwieġ li turi din il-qagħda hi dik tal-15 ta' Awissu 1679. F'dan ir-reġistru oriġinali, naqraw: "Saru t-tnidijiet taż-żwieġ fil-parroċċi tar-Rabat u tax-Xewkija ... dwar l-għaqda fiż-żwieġ bejn Antonja ... tal-parroċċa ta' San Ġorġ tar-Rabat u Ġwanni Azzopardi ... tal-parroċċa tax-Xewkija. Għaqqadthom fiż-żwieġ jien, Dun Alessandru Maglione, il-Vigarju ta' din il-Matriċi".[37]

Kollox juri li l-istorja tal-parroċċa Matriċi u Kolleġġjata ta' l-Assunta ma tbiddlitx bl-aħħar pubblikazzjonijiet li ħarġu. L-imħabba lejn parroċċa ma hix biżżejjed biex tinkiteb l-istorja. Kittieb jista' jiġrilu li jġib ruħu ta' dilettant, u għalhekk, fit-tentazzjoni li jinġibed lejn xi naħa, jista' jkun superfiċjali. Imma jiena nħoss li xi ġid joħroġ dejjem anki minn kitbiet fundamentalment żbaljati. Dawn jgħinu biex jinstab xi ħadd li jinqeda bis-sitwazzjoni biex itenni ġrajjiet li konna nafuhom. Imma kull kitba ġdida hi għarbiel ġdid ta' dokumenti. Jiena fittixt oħrajn ġodda ma' dawk li diġa' kont naf bihom. Ir-reġistri parrokkjali tal-Katidral ta' Għawdex kienu għajn ta' konferma għax dak li nkiteb bejn is-snin 1668 u 1679 ma jistax jinkiteb ħlief minn dak li jkun Kappillan jew Arċipriet bil-piż pastorali kollu ta' ragħaj ta' l-erwieħ.

Il-parti l-kbira tad-dokumenti li jiena għamilt użu minnhom qegħdin f'Għawdex. Għalhekk, hu faċli li wieħed jikkonsultahom. Imma naturalment wieħed irid ikun jaf jaqra l-Latin u jifhmu sewwa. L-istorja tal-parrokkjalita' tal-Kolleġġjata ta' l-Assunta tista' tibqa' sejra għax ma kenux ix-Xewkija u l-Għarb biss li nqatgħu mill-Matriċi. Ftit iżjed tard, fl-1688, b'esekuzzjoni ta' l-1689, inqatgħu mill-parroċċa ta' l-Assunta anki n-Nadur, ix-Xagħra, Ta' Sannat u ż-Żebbuġ. Sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor b'kitbiet ta' min jorbot fuqhom, sa dak iż-żmien, il-parroċċi tal-kampanja Għawdxija kollha kemm huma ħarġu mill-Kolleġġjata ta' l-Assunta.

Hu fatt ċar li ħadd ma jista' jgħidilna kif, fejn, u meta saret l-ewwel parroċċa f'Għawdex. Imma ma hemm l-ebda dubju dwar il-fatt li l-Matriċi baqgħet bħala parroċċa, anki meta ġiet mgħollija għall-ġieħ ta' Kolleġġjata.

Abbrevjazzjonijiet:

AAM:	Arkivju Arċiveskovili ta' Malta
ACG:	Arkivju tal-Katidral ta' Għawdex
AEG:	Arkivju ta' l-Isqof ta' Għawdex
Bapt:	Magħmudija
Lib.:	Librerija
Matr.:	Żwiġijiet
NLM:	National Library of Malta
PIN:	Pubblikazzjonijiet Indipendenza
RUH:	Reliġjon u Ħajja
St. A.:	Status Animarum

Riferenzi:

[1] "Pro earumdem litterarum exequtione Parochialem Ecclesiam Gaulitanam sub titulo Assumptionis Beatae Mariae Virginis supprimimus et estinguimus et in Collegiatam Ecclesiam Insignem...erigimus": NLM,Lib,5; f. 130; A. Bonnici, *Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-Ewwel Parroċċi ta' Għawdex*, 1975, pp. 60-62.

[2] "Parrochialis Ecclesiae huiusmodi perpetua suppressione et exstinctione in Collegiatam Ecclesiam sub titulo et invocatione Sanctae Helenne Reginae...": Ignatius Sciberras Psaila, *De conditione historico-iuridica Ecclesiae Collegiatae Birchircarensis*, Roma 1962, p. 165.

Bondi's

Ladies'
Fashion
Shop

2, Republic Street, Victoria, Gozo. Tel: 556029

GELATI GRANOLA

143, Triq Papa Gwanni Pawlu II.
Victoria, Gozo.

Tel: 557717 - 554237

www.gozocathedral.org.mt

[3] Sciberras Psaila, o.c., pp. 180-181; Anton Mallia Borg, "Birkirkara: Santa Liena", Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi tagħhom, PIN, I (1993), p. 46.
[4] AEG, 41 (Capitula), *Bulla Sanctae Romanae Ecclesiae*, ff. 8-10; A. Bonnici, *In-Nadur*, RUH, II, 1988, p. 138.
[5] "Bil-Latin: "Parrochialem Ecclesiam supprimimus".
[6] Il-kelmiet bil-Latin mill-bolla huma dawn: "In ea unus Archipresbiteratus qui principalis in dicta Collegiata Ecclesia dignitas existas pro uno Archipresbitero penes quem cura animarum parochianorum eiusdem primodicte Ecclesie uti antea remaneat". It-tieni test hu kważi bl-istess kelmiet: "penes quem ut prius cura animarum....". Il-kelmiet "ut prius" huma mqegħdin b'enfasi biex juru li dwar il-ħidma parrokkjali ma tbiddel xejn: "Baqgħet knisja parrokkjali, bħalma kienet qabel". Għal xi pubblikazzjoni tiegħi dwar dan l-argument, ara: *Il-Matriċi*, pp. 61-63; "Rabat: Santa Marija", *Il-Knejjes Parrokkjali ta' Għawdex u l-Festi tagħhom*, PIN, IV (1994), pp. 140-141.
[7] Ib.
[8] Dwar każ minn dawn, ara Karmenu Grech, *Il-Knisja Arċi-Matriċi tal-Belt u tal-Gżira ta' Għawdex*, Malta 1996, pp. 72-76.
[9] A. Bonnici, "Il-Bolla 'Superna Dispositione' ta' Papa Alessandru VII" u "It-Twaqqif ta' l-Ewwel Kolleġġjata f'Għawdex": Carmelo Scicluna - Giovanni B. Gauci, *350 Kolleġġjata: 1623-1973*, Għawdex 1974, pp. 16-17, 30-38.
[10] ACG, *Deliberationes Capituli Collegiatae Ecclesiae Gauli*, 1620-1842, f. 6r.
[11] ACG, *Bapt.*, III, ff. 347-348.
[12] Ib., f. 348.
[13] Ib., ff. 325-422, IV, ff. 5-9.
[14] Ib., III, ff. 338-339.
[15] Ib., ff. 371, 375.
[16] Ib., f. 373.
[17] Ib., f. 344.
[18] Ib., f. 345.
[19] LC, *Matr.*, I (1603-1711), bejn 28/10/1663 u 26/11/1679.
[20] Ib., 5/10/1670.
[21] Ib., 26/7/1678.
[22] Ib., 22/10/1673.
[23] Ib., 8/8/1678.
[24] Ib., 18/8/1678.
[25] AAM, St.A., 1/6, ff. 1r-33r.
[26] Ib., f. 2r.
[27] Ib.
[28] Ib., ff. 2r-4v.
[29] Ib., ff. 4v-5r.
[30] Ib., ff. 5r-32v. Ara A. Bonnici, "Il-Komunita' Parrokkjali tal-Matriċi-Kolleġġjata ta' l-Assunta fis-sena 1678", *L-Għid ta' l-Assunta*, 19 (1984), pp. 2-5.
[31] Ib., f. 33r.
[32] Bonnici, *Matriċi*, pp. 114-115.
[33] Ib., pp. 64-66.
[34] K. Grech, *Il-Knisja Arċi-Matriċi*, p. 49.
[35] Bonnici, *Matriċi*, pp. 116-117.
[36] Ib., pp. 66-67.
[37] ACG, Matr., I, 15/8/1679.

L-Arċipriet Joseph Vella - Gauci
flimkien mal-
Presbiterju u l-Kunsill Parrokkjali
jixtiequ

IL-FESTA T-TAJBA

lir-Rabtin u l-Għawdxin kollha
u lil dawn l-eluf li
f'dawn il-ġranet jiġu fi gżiritna
ħalli jiċċelebraw magħna il-festa tal-
Patruna ta' Malta u Għawdex

Santa Marija

FRED SALIBA

Gozo Stone

GRANITE, STAIRS, MEMORIALS,
CUPBOARD TOPS, FIRE PLACES, etc.

FACTORY:

Għajn Mhelhel Street, Żebbuġ, GRB 103, Gozo.
Tel / Fax : 553257 - Mobile: 097 2422

ZAMMIT ALUMINIUM LTD.

Wasalt biex tagħmel xi xogħol
ta' l-Aluminium u soffitti

Mela rrikorri għand
ZAMMIT ALUMINIUM LTD.

ta'
"Private Alley", Fountain Street,
Victoria, Gozo. Tel: 554058

www.gozocathedral.org.mt

TISLIMA LIL SANTA MARIJA

F'għeluq il-100 sena mill-wasla ta' l-istatwa fostna
1897 - 1997

Is-sliem, leħen wieħed
Ngħidulek flimkien,
Kif kienu qalulek,
Mit sena daż-żmien,

Ix-xjuħ għeżież tagħna
Li fostna ġabuk,
Biex qima u mħabba
Minn qalbna nagħtuk.

F'dal-misraħ ewlieni
Ta' beltna l-Għawdxin,
Miġbura bi ħġarna,
Madwarek ħenjin,

Mill-ġdid insellmulek
U merħba nagħtuk,
Mill-ġdid intennulek
Kemm aħna nħobbuk.

Min jaf dik il-għodwa,
Kemm bakkru l-Għawdxin,
Sabiex jagħtuk merħba,
Kemm ċapċpu ħenjin!

Min jaf kemm il-qniepen
Tal-maqdes ewlieni,
Kemm sebħu għannejja,
Idoqqu minn kmieni!

Għaliex fuq ix-xefaq
Tal-gżira Għawdxija,
F'dik l-għodwa bdiet tiddi
Xemx ġdida Marija,

Li kifset bid-dija
Ix-xemx tal-ħolqien,
Bi ġmielha li bħalu
Ma deher qatt imkien.

Bħall-kwiekeb li jżejnu
Is-sema flgħaxija,
B'għajnejhom tal-fidda,
Jilmaw għalenija,

Bħax-xemx li fid-difa,
Tal-ġranet sajfija,
Issaħħan u ddawwal,
L-art kollha bid-dija,

Hekk int lil gżiritna
Żejjintha sabiħ,
Bi ġmielek tas-sema,
Bis-sliem u bil-ġieħ.

Ġejt fostna mis-sema
Kif tiġi reġina,
Sabiex fuqna ssaltan
Bħal ommna ħanina,

Għax int il-patruna
Ta' ġensna l-Għawdxin,
Il-kewkba li tiddi
Fil-jiem mudlamin,

Qawsalla ta' faraġ,
Ta' tama u ta' sliem,
Is-seħħ ta' xortina,
Il-bidu u t-tmiem.

www.gozocathedral.org.mt

PARDI MOTORS LTD.

N.B. Republic Street,
Victoria, Gozo.

Telephone
556678 - 553744

- **AUTO DEALERS**
- **AUTO SERVICE & SPARES**
- **PANEL BEATING**
- **SPRAY PAINTING**
- **TYRE & RADIATOR REPAIRS**

www.gozocathedral.org.mt

Sinjura Marija,
Dak ismek sabiħ,
Imnaqqax ġo qalbna,
Bl-imħabba, b'kull ġieħ,

Imnaqqax fil-ġebel,
Tas-swar li jħarsuna,
F'kull ġebla Maltija
Tad-djar li jkennuna.

Imnaqqax fil-ħlewwa
Tal-ward ta' ġol-ġnien,
Ifewwaħ bil-balzmu,
Imżejjen bl-ilwien.

Imnaqqax fil-għanja
Tal-baħar kaħlan,
Jitbewwes ma' xtutna,
Jitliegħeb ferħan.

Imnaqqax fis-sema
T'Awwissu sabiħ,
Ix-xahar għaziz tiegħek,
Li fih nagħtuk ġieħ.

Għaliex meta jasal
Awwissu bid-dija,
Kull sena nagħmlulek
Il-festa Marija.

Kull sena għal mit darba
Uliedek l-Għawdxin,
Tawk ġieħ u foħrija,
Mal-medda tas-snin.

Kull sena mit-toroq
Ta' beltna ewlenin,
Int tgħaddi biex tbierek
L-uliedek fqajrin.

Lill-morda ġo djarhom,
Lix-xjuħ, lit-tfal żgħar,
Int tieqaf u ssellem
L-uliedek f'kull dar.

U aħna ninġabru
Fuq l-għatba flimkien,
Familji annuna,
Qrabat u ġirien,

Ilkoll insellmulek,
Bil-kant u l-foħrija,
Minn qalbna ngħidulek,
"Eviva Marija."

Mill-bjut u mit-twieqi,
Bħal xita ta' fjuri,
Inroxxu quddiemek,
Tapit ta' kuluri,

Biex tgħaddi minn fuqu
Kif tgħaddi reġina,
Hekk sbejħa u rżina,
Hekk twajba u ħanina.

F'dis-sena, mit sena,
F'dal jum ta' tifkira,
Ħajr nagħtu 'l min ġabek,
Hawn fostna, f'dil-gżira.

Ħajr nagħtu 'l min għażlek
Bħal ommna u patruna,
u poġġa fuq rasek,
Tas-saltna l-kuruna.

Mill-maqdes ewlieni,
Santwarju ta' qima,
Mill-Omm u l-Matriċi,
Ta' beltna l-qadima,

Fejn ġrajja wara oħra,
L-istorja tas-snin,
Intisġet u nkitbet
Dwar ġensna l-Għawdxin,

Minn hemm ibqa' saltan
Bħal xemx kollha dija,
Fuq Għawdex, il-gżira,
Ta' Santa Marija.

John Cremona
3 ta' Mejju 1997

www.gozocathedral.org.mt

F'GĦELUQ IL-MIT SENA TA' SANTA MARIJA

Tifkira speċjali tad-29 ta' April

F'għeluq il-mit sena ta' l-istatwa ta' Santa Marija saret tifkira speċjali tad-29 ta' April, 1956 – il-jum storiku li fih is-Soċjetà Filarmonika Leone irregalat l-istatwa maestuża ta' Santa Marija lill-Knisja Katidrali ta' Għawdex.

Il-Programm ta' festi speċjali fetaħ il-Ħadd, 27 April, 1997, b'quddiesa immexxija minn Monsinjur Ġovanni Bosco Gauci, Arċidjaknu tal-Katidral, u dritt wara nfetħet es-pożizzjoni ta' arranġamenti ta' fjuri bit-tema *Festa Lwien*. It-Tlieta, 29 ta' April, saret konċelebrazzjoni solenni ta' radd il-ħajr. Il-festi komplew tul il-ġimgħa u laħqu l-qofol tagħhom, is-Sibt, 3 ta' Mejju. Fis-6.30 ta' fil-għaxija, bdiet ħierġa purċissjoni, bl-istatwa ta' Santa Marija mill-Katidral, Cauchi, Isqof ta' Għawdex. Fil-purċissjoni, membri tal-korp tal-pulizija ġarrew ċinturin u ġerikol tad-deheb, u warajhom imxew il-Ministru Evarist Bartolo, bħala rappreżentant tal-Gvern, u Dr. Guido Demarco, viċi-kap ta' l-Oppożizzjoni.

Il-purċissjoni mxiet sa Pjazza Savina. Il-Pjazza ingħatat dehra verament sabiħa bl-armar ta' tliet palkijiet. Fuq wieħed telgħu l-Isqof u l-Kapitlu, fuq l-ieħor kien hemm il-korijiet tal-Katidral, u fuq it-tielet kien hemm il-Banda Leone. Iċ-ċerimonja bdiet bil-qari tal-poeżija *Tislima lil Santa Marija* minn John Cremona, ex-President tas-Soċjetà Filarmonika Leone. Is-Sur Joseph N. Tabone, bin Ġużi Tabone, il-President tas-Soċjetà fl-1956, qara d-diskors li kien għamel missieru fl-1956. Saru żewġ diskors ta' l-okkażjoni, l-ewwel mill-President attwali, Michael Caruna, u t-tieni mill-Isqof Nikol Cauchi.

Kif temm id-diskors, l-Isqof żejjen l-istatwa ta' Santa Marija biċ-ċinturin u l-ġerikol tad-deheb fost id-daqq mill-Banda Leone u ċ-ċapċip bla ma jaqta' tal-folla l-kbira li mliet Pjazza Savina.

Imbagħad l-Isqof ta' midalja *Ġieħ il-parroċċa* lil persuni jew qraba tagħhom li kienu nvoluti biex is-Soċjetà Filarmonika Leone irregalat l-istatwa ta' l-Assunta lill-Katidral. Dawn il-persuni (kif jidhru fir-ritratt) kienu: l-Ispiżjar Louis Abela (it-tieni mill-lemin); is-Sur Ġorġ Grech, iċ-Ċoċċ (maġenbu); is-Sur Joseph Vella-Muskat (is-sitta mill-lemin); is-Sur Joseph N. Tabone (maġenbu), li rċieva l-midalja f'isem l-mejjet missieru Ġużi; is-Sinjorina Marija Cutajar (it-tielet mix-xellug), li rċivietha f'isem zijuha Lwiġi Cutajar; u s-Sinjorina Rose Refalo (maġenbha), li rċivietha f'isem missierha, l-Avukat Francesco Masini, President Onorarju tas-Soċjetà Leone, u l-moħħ wara l-għotja ta' l-istawa ta' Santa Marija.

Kif intemmet din iċ-ċerimonja kommoventi, kull kategorija tal-parroċċa ippreżentat bukket fjuri lill-Madonna u l-Banda Leone daqqet l-innu immortali *A. Maria Assunta* bis-sehem tal-*Chorus Cathedralis* u tal-*Pueri Cantores* tal-Katidral.

Il-purċissjoni rritornat il-Katidral fejn il-festi ta' tifkira komplew fil-jiem ta' wara.

www.gozocathedral.org.mt

www.gozocathedral.org.mt

St. Andrew's Str.,
Victoria,
Gozo.
Tel: 554056

joe grech
Photographer

Photos & Video for Weddings, Engagements,
Baptisms or any Special Photographic occasion.
Passport Photos
Colour or Black & White.
Developing & Printing Service.
Cameras - Flashlights - Films
Watches, Batteries & Video Games
Large Selection of Top Quality Frames & Albums
Frames made to order.

OFFICE EQUIPMENT

FOR ALL OFFICE SUPPLIES & STATIONERY.

Photo Copy Service & Binding
Calculators, Typewriters,
Cash Registers, Fax Machines

12, St Francis Sqr., Victoria - Gozo
Tel:554052

www.gozocathedral.org.mt

IL-KWADRU TA' SANT'ORSULA FIL-KATIDRAL GĦAWDEX

minn
Fr. Joe Calleja (Msida)

www.gozocathedral.org.mt

FRANCIS CARUANA LTD

WE BUILD YOUR HOUSE

Outlets

Buiding Materials:
73, Republic Street Victoria
Tel: 556243
(Paints, Tools, Electrical and Plumbing Accessories etc)

Bubbles:
Fortunato Mizzi Street, Victoria.
Tel: 552413
(Bathrooms, Tiles and Fittings)

Timber: Taflija Road, Victoria
Tel: 552993
(Plywood, Chipboards, MDF, and Solid Limber)

www.gozocathedral.org.mt

Insibu diversi kitbiet minn awturi Għawdxin dwar il-kwadru ta' Sant'Orsla li hu miżmum b'tant għożża fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex, anke għar-raġuni li Sant'Orsla hi patruna ta' Għawdex. Fl-Għid ta' l-Assunta ta' l-1970, fissrulna kif sar dan il-kwadru, min pinġieh u min ħallas għalih. Fil-programm tal-Banda Ċittadina Leone ta' l-1990, inkiteb artiklu ieħor fuq dan il-kwadru. F'dawn il-ftit noti tiegħi nixtieq nuri min verament pinġa dan il-kwadru li sar ftit wara s-sena 1847.

Achille Ferres igħid hekk: ... *fu fatto da Giuseppe Hyzler, assistito dal suo discepolo, Giuseppe Calleja.* Riċentament, is-Sur Mario Buhagiar, kritiku ta' l-arti, kiteb hekk: *St Ursola protecting Gozo, in the Cathedral Church (Gozo), is a much inferior work painted by Giuseppe Calleja under Hyzler's direction.* Mhux il-kamp tiegħi li niġġudika l-valur artistiku tal-kwadru; hux tajjeb jew inqas tajjeb. Għandna nies bravi biżżejjed f'dan il-kamp. Irrid sempliċement nikkonferma dak li qal Buhagiar: li l-kwadru sar minn Giuseppe Calleja (1828-1915).

Insibu aktar kwadri ta' l-altari f'diversi knejjes ta' Malta li ġralhom bħal dak ta' Sant'Orsla -- attribwiti lil Hyzler (1793-1858) -- iżda fil-fatt kienu esegwiti mid-dixxiplu fidil tiegħu -- Gużeppi Calleja. Dawn inħadmu fil-ħanut ta' Hyzler, nassumu meta kien fi Triq Żakkarija fil-Belt, taħt l-Auberge d'Italie, bejn l-1847 u s-sena li fiha miet Hyzler, 1858. Dawn il-kwadru huma: il-Madonna tas-Sokkors fil-knisja ta' l-Agostinjani fil-Belt (1851); il-Madonna tal-Karità (1851) u l-Madonna ma' San Gejtanu u Sant'Agata (1852), it-tnejn fil-knisja ta' San Pawl fil-Belt; il-Madonna tal-Karmnu fil-Knisja Parrokkjali tal-Floriana (1854); il-Viżitazzjoni ta' Marija fil-Knisja tal-patrijiet ta' Ġieżu fir-Rabat ta' Malta (1855); San Rokku fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħ'Attard (1856ċ) u l-kwadru titulari ta' Ħal-Balzan, l-Annunzjazzjoni (1857). Barra dawn insibu kwadri iżgħar għall-altari: dak tal-Konversjoni ta' San Pawl fil-knisja ta' San Pawl fil-Wied ta' Birkirkara (1856), San Franġisk de Paola fil-knisja l-antika ta' Stella Maris (Sliema - 1858) u San Luigi Gonzaga għall-knisja ta' San Ġiljan (1858ċ). Dawn ma jidhrux li huma ffirmati, ħlief dak ta' Ħal-Balzan, li Calleja nnifsu jgħid li ffirmah. Kwadri oħra li saru wara: Sant'Andrija (1880) u San Ġużepp (1882), għal fuq żewġ altari fil-knisja l-antika tal-patrijiet Karmelitani fil-Balluta, huma ffirmati u jġibu wkoll is-sena.

Nafu fiż-żgur li madwar is-sena 1847, Giuseppe Hyzler ma rnexxilux ipinġi iżjed minħabba marda li kellu u li żviluppat f'rogħda f'idejh. Kien meħtieġ li l-marda tibqa' moħbija minn nies biex ikun jista' jaċċetta xogħol ġdid, kif fil-fatt sar, speċjalment meta kellu miegħu lil Calleja, qaddej fidil sa minn żogħżitu, li għalkemm xtaq li jibda jaħdem xi ftit għal rasu, ma riedx jitlaq waħdu lill-imgħallem tiegħu. Hyzler kien jitħallas tajjeb u Calleja jieħu l-loqom. La l-imgħallem u lanqas id-dixxiplu ma kienu jgħumu fil-flus. Il-marda ta' Hyzler kompliet tikber, sar iraxxibbli ħafna ma' Calleja, u sfortunatament il-memorja bdiet tmajna wkoll. Għalkemm Calleja kien ipinġi xi kwadri fid-dar ta' missieru, fetaħ l-ewwel ħanut tiegħu wara l-mewt ta' Hyzler.

Giuseppe Hyzler kellu ħuh ieħor, Vincenzo, artist fil-veru sens tal-kelma, li studja fl-Akkademja ta' San Luqa, f'Ruma taħt id-direzzjoni ta' Overbeck. Dan Vincenzo, bosta snin iżgħar minn ħuh Giuseppe, marad ukoll serjament f'Ruma, u fl-1847 kellu jirritorna Malta fejn sab lil ħuh Giuseppe diġa' marid.

www.gozocathedral.org.mt



TASIKA AUTO LTD

FORTUNATO MIZZI STREET, VICTORIA • TEL: 553288

www.gozocathedral.org.mt

Qabel ma miet, fl-1849, fl-għomor ta' sitta u tletin sena, Vincenzo talab bil-ħerqa lil Calleja biex jieħu ħsieb ħuh u ma jħallihx waħdu. Kienu snin ta' tbatija għal Calleja, għax din ir-responsabbiltà żammitu lura milli jieħu postu fis-soċjetà. Calleja ma setgħax ikompli jserraħ fuq missieru għax in-negozju li kellu dan kien falla u kellu ulied oħra x'jitma'. Biex jgħin ruħu, beda jpinġi xi kwadri fid-dar ta' missieru minn wara dahar Hyzler. Il-paċenzja li ħa bl-imgħallem tiegħu, ġiet ippremjata, għax Calleja akkwista l-fama u l-kwadri li pinġa sakemm kien għadu ma' Hyzler u ftit wara, kienu kollha tajbin; iżda meta ġew fuqu l-problemi finanzjarji, u sab ruħu bħala l-uniku *breadwinner* tal-ġenituri u ħames ħutu oħra, fosthom tlieta bniet, ried paga fissa biex ilaħħaq ma' l-ispejjeż meħtieġa. Mons Paolo Pullicino daħħlu jgħallem l-arti fl-iskejjel tal-Gvern u ddedika ħajtu għal dan ix-xogħol u għall-kritika ta' l-arti. L-ordnijiet numerużi li kien ikollu, l-aktar għal ritratti ta' personalitajiet li hu pinġa bdew jonqsu. Artisti barranin ħatfu x-xogħol kollu, minkejja li nibtu artisti Maltin ġodda li kienu tajbin.

Il-kwadru ta' Sant'Orsla, fil-Katidral kien, x'aktarx l-ewwel wieħed ta' din ix-xorta li Calleja pinġa waħdu taħt id-direzzjoni attenta ta' Hyzler. Iżda l-fatt li f'dar privata f'Malta, jeżisti l-abbozz ta' dan il-kwadru ta' Sant' Ursola, juri aktar li x-xogħol sar minn Calleja għaliex dan l-abbozz, akwarella u lest biex jibda jinħadem, hu attribwit lil Ġużeppi Calleja. Hawn min hu ta' l-opinjoni li x-xogħol jibqa' attribwit lill-imgħallem, ukoll meta jsir mill-lavrant. Jista' jkollhom raġun meta l-lavranti jkunu għadhom fil-bidu tal-karriera tagħhom, iżda meta dawn jikbru u jissaħħu f'dik il-linja, jista' jidħol l-abbuż u x-xogħol jattribwuh lill-imgħallem meta jkun tajjeb u lill-lavranti meta jkun anqas tajjeb. Jikkunsidraw ukoll kemm tħallas għall-kwadru; jekk trid kwadru elaborat trid tħallas aktar milli meta jkollok wieħed iżjed sempliċi.

Il-kwadru kien tħallas mill-Monsinjur Gaetano Bondì, li mhux biss kien devot ta' Sant'Orsla bħala patruna ta' Għawdex, iżda wkoll magħruf għall-ħeġġa tiegħu fil-ħidma biex Għawdex jinqata' mid-djoċesi ta' Malta u ssir djoċesi awtonoma. Dan ix-xogħol beda mill-1836. Huwa kien aċċettat ħafna mill-Isqof Antonio Grech Delicata li fl-1869 għamlu Vigarju Ġenerali. Il-Katidral kellu jagħti s-somma ta' 300 skut lil Mons Bondì, għall-ispejjeż li għamel f'ħidma għall-istess Katidral marbut l-aktar għax-xogħol li semmejna. Bondì, fl-1847, talab lill-Kapitlu biex dik is-somma jżommha l-Katidral u biha jagħmel il-kwadru ta' Sant'Ursola, patruna ta' Għawdex. Il-kwadru jġib l-arma tal-familja Bondì, familja magħrufa, li kienet toqgħod f'dar kbira fiċ-ċentru tal-belt u li din id-dar inxtrat mill-Knisja Għawdxija bħala l-Palazz ta' l-Isqof fl-1880. Mons. Bondì miet fit-12 ta' Jannar 1876 u nafu li sentejn qabel kien ħallas għal sitt gandlieri kbar tal-bronż għall-artal ta' Sant'Orsla. Fil-familja Bondì hemm diversi saerdoti u professjonisti. L-Għawdxin huma kuntenti bil-kwadru li għandhom ta' Sant'Ursola u m'għandhomx jisthu jgħidu li hu ta' Ġużeppi Calleja, minkejja li nħadem taħt id-direzzjoni ta' Ġużeppi Hyzler.

Għal aktar informazzjoni fuq Giuseppe Calleja ara l-ktieb: Calleja J. *Giuseppe Calleja*. (1992).

www.gozocathedral.org.mt

SPECIAL OFFER ON

GoldStar

AIRCONDITIONERS

10% OFF!

QUIET OPERATION

TO ALL E.C. SPECIFICATIONS

GUARANTEED AFTER SALES SERVICE

LATEST DESIGN WITH ADVANCED FEATURES

MANY MODELS TO SUIT SPECIAL REQUIREMENTS

on presentation of this voucher!

Forestals
[APPLIANCES] LTD.

Pope John Paul II Str., Victoria, Gozo. Tel: 551234.

www.gozocathedral.org.mt

SANTA MARIJA F'GHAJDUT IL-MALTIN U L-GHAWDXIN

(Ikompli ma' dak li deher fil-harġa ta' *L-Ghid ta' l-Assunta* 1996)

minn
Victor J Galea

www.gozocathedral.org.mt

Iż-Żebbuġ

Ta' Sannat jgħidu li ż-żejt fiż-żebbuġa jinżel nhar Santa Marija. Hekk ukoll jgħidilna Ċensu Mifsud Bonnici (1870-1929) fil-kitba tiegħu *Dammet ix-Xhur* (KMŻ No 70). Hawn ir-Rabat jgħidu li ż-żejt jinżel tliet ġimgħat qabel jinqata'. Jibda jidher għall-bejgħ is-suq wara l-Vitorja fejn jinbiegħ bis-siegħ. Jekk iż-żejt jinżel tliet ġimgħat qabel jibdew jaqtgħuh wara l-Vitorja dan ifisser li jinżel nhar Santa Marija.

Mhux il-Maltin biss kienu jafu li ż-żebbuġ jinżel iż-żejt fih għal Santa Marija imma t-Torok ukoll kienu jafuh dan. Fl-Assedju l-Kbir ta' l-1565 it-Torok ġebbdu hawn mit-18 ta' Mejju sat-13 ta' Settembru. Bosio jgħidilna li nhar it-28 ta' Awwissu rinnegat Naplitan ħarab lit-Torok u sab kenn l-Imdina. Hemmhekk qalilhom li ħamsin Tork kienu marru jaqtgħu ż-żebbuġ fil-wied ta' Ħal Lija, dak iż-żebbuġ li għadna naraw sal-lum qabel nilħqu ċ-ċimiterju ta' Ħal Lija aħna u ġejjin mill-Mosta. Saret taqtigħa u tnax-il Tork tilfu ħajjithom. L-oħrajn ħarbu barra wieħed li qabdu Malti u rabtu wrajh fuq iż-żiemel. It-Tork beda jitħabat biex jaħrab. Il-Malti talab lil sieħbu jvenvinlu dard bil-ballastra. Dan spara u qatel lit-Tork u lill-Malti għax id-dard nifidhom it-tnejn.

It-Torok iż-żebbuġ aħdar kienu se jagħmlulu bħalma għadna nagħmlulu aħna sal-lum, jiġifieri li jitfgħuh fis-salmura għax jgħidulek li l-melħ irid ikun biex oġġett iżommu milli jisnieħ. Niftakar lil missieri jaqta' x'erba' żebbuġiet għal ħabta ta' Santa Marija, iħażżaqhom u jagħmilhom ġoż-żejt biex jikolhom mal-ħobż. Iż-żebbuġ aħdar ikun ħarr u jkemmixlek ħalqek. Ġoż-żejt din il-ħrara tonqos u jinżillek għasel l-iktar wara nofs ta' nhar xogħol.

Illum in-nies l-iktar tiltaqa' maż-żebbuġ nhar Ħadd il-Palm u nhar il-Ġimgħa l-Kbira. Dari r-raħal kienu jqassmu qatta żgħira żebbuġ lil kull familja nhar Ħadd il-Palm. Dan iż-żebbuġ kienu jdendluh ma' ħajt u jbierku bih bl-ilma mbierek li kien iħallilhom is-sagristan meta l-Arċipriet jiġi jbierek. Meta tidħol xi għajn id-dar kienu jtuh in-nar ġo pagna jew taġen li kienu jinkaljaw il-kafe jew il-ful fi-hom u jduru d-dar kollha bil-weraq idaħħan u jgedwdu t-talb. Dan kien it-tbaħħir. Tant kien jinqata' żebbuġ nhar Ħadd il-Palm li Prof. Ġanni Borg wissa biex ma jaqtgħux mill-istess siġra sena fuq l-oħra għax issirilha ħsara kbira għax iż-żebbuġa trid żabra tajba kull tliet snin.

Iż-żebbuġa nerġgħu narawha fil-Ġimgħa l-Kbira ħierġa fil-purċissjoni mal-vara ta' l-Ort, l-ewwel waħda li toħroġ. Dawk ukoll li għandhom il-bewsa ta' Ġuda ma jonqsux li jwaħħlu siġra oħra fuq din il-vara. Ħasra tara siġra tinqered kapriċċ kull sena għax ta' l-Ort u Ġuda bla siġra taż-żebbuġ joħorġu xorta waħda u Alla ħares kellhom jibdew jaqtgħu żewġ siġriet għal kull purċissjoni li toħroġ għax kieku tkun trid ma' l-erbgħin siġra fis-sena. X'ħela! Kemm nifilħu nkunu qerrieda!

Il-Lewż

Jgħidu li għal Santa Marija l-lewż jibda jaqsam. Dan ifisser li l-qoxra ta' barra li ġo fiha jkun hemm il-lewża tkun qed tinxef għax il-frotta saret. Jekk wara li jaqsam il-lewż ma tiġbrux jibda jħalli 'l ommu u jaqa' fl-art.

Hemm il-lewż ħelu u l-lewż morr. Il-lewż morr l-iktar li jiżirgħuh biex ilaqqmu fuqu frott irqiq ieħor bħaċ-ċuprisk u l-ħawħ. Ta' min jgħid li l-lewż ħelu biex joħroġ tajjeb trid tlaqqmu fuq il-morr. In-nibbiet tal-ħelu jista' ma joħroġx tajjeb għax jippastardja mal-morr. Siġra tat-tilqima tkun iktar f'saħħitha minn nibbieta, tgħix aktar u tagħti aktar frott. Il-lewż ħelu jħobb jimrad bil-għakar li jkun qisu kolla tnixxi miz-zokk. Tfal konna niġbruh u nagħmluh imsielet. Ikun kulur il-għanbra.

Tfal konna wkoll naqtgħu l-lewż morr meta bilkemm ikun għadu għaqqad wara li l-lewża tiżhar u narmu l-qalba li tkun mraret mill-ewwel. Meta konna ninzertaw xi lewża ħelwa konna nikluha b'kollox.

Tibki tħares lejn il-ġebel ta' taħt is-sisien tal-muntanji tagħna dari mimlija bis-siġar tal-frott irqiq fl-imniedaq tal-fraglu bejn il-blat. Illum ħlief settieħa lewż morr abbandunat ma tarax. Il-bankonċini flok tal-lewż mitħun tista'

taghmilhom bil-karawett u ftit essenza tal-lewż. Kien hawn min ikisser il-lewż ħelu jinkaljah u jniżżlu ma' qatra nbid. Illum issib il-karawett lest u barra bid-daqq. Il-qubbajt ukoll bil-karawett flok bil-lewż. Jgħidulek għax il-lewż għoli.

Nagħlaq billi nsemmi kif kien il-lewż xi mit sena ilu meta P.P. Castagna ħareġ l-istorja ta' Malta tiegħu. Jgħidilna li f'tomna raba' kien ikun hemm 64 lewża li minnhom kont tieħu sittax-il modd lewż jiġifieri xkora minn kull siġra. Jgħid li mill-qoxra ta' ġewwa kienu jagħmlu l-irmied għas-sapun filwaqt li bil-qoxra ta' barra kienu jaħmu l-fran tal-ħobż. Il-qligħ miż-żewġ qoxriet tal-lewża kien biżżejjed għall-ispejjeż tax-xogħol!

Il-Bajtar tax-Xewk

Il-bajtar tax-xewk li għidna jsajru l-werżieq għal Santa Marija kont issibu fil-mandra li kien ikun hemm ma' kull dar tal-bdiewa, ir-raħal. Il-pal jew weraq tal-bajtar il-bidwi kien iqattgħu lill-bhejjem fix-xhur meta ma jsibx ħaxix aħdar x'itihom. Din iż-żabra kull sena kienet iżżomm iz-zkuk tal-bajtar, jiġifieri s-siġar, f'saħħithom. Ħaġa oħra li kienet iżżomm il-bajtar f'saħħtu kienu t-tiġieġ li kienu jħobbu jrabbu taħthom għax id-demen hu l-għasel għalih. Jekk imbagħad kont tħalli lit-tiġieġ jitilgħu jitnabbru kull filgħaxija fuqhom flok traqqadhom ġewwa, kienu jispiċċaw biex jherruhom u jwaqqgħuhom.

Għalkemm jekk tħares lejn mandra bajtar iz-zkuk kienu jidhru kollha l-istess, fil-fatt ma kenux hekk. Għalkemm il-biċċa l-kbira kienu jagħmlu l-frott isfar, li kienu jgħidulu bajtar Malti, kien hemm il-bajtar l-aħmar jew tad-demm, kif ukoll il-bajtar abjad jew Franċiż. Kien ikun hemm l-iskerz: werqa li fiha kien ikun hemm bajtra. Dan kien jissejjaħ bajtra raġel jew żiemel. Imma l-iktar li kien imfittex kien il-bjatar ta' barra minn żmienu li kienu jgħidulu bajtar tal-ħarifa miż-żmien meta kien isir. Dan kien bajtar tassew bnin u frisk. Il-bajtar tal-ħarifa kont issibu aktarx fid-delli. Ġie li kienu jekluh bil-ħobż bħall-bittiħ.

Għalkemm il-bajtar tad-demm kien l-isbaħ u l-bajtar isfar l-oħla, l-iktar li kien imfittex kien il-bajtar tax-xitel. Għalhekk il-bejjiegħa kienu jgħajtu: Tax-xitel il-bajtar. Is-suq tal-Belt il-mara kienet tismagħhom saħansitra jgħidu: Ejjew għax-xitel!

Iż-żmien li fih isir il-bajtar għal Santa Marija hu żmien ħażin għalih għax tmissu d-dubbiena. Malli ttaqqbu jintakka u jaqa'. Iż-żmien li jitkellem fuqu Pietru Pawl Castagna xi mit sena ilu meta qalilna tista' żżommu għal xhur sħaħ fuq xi bejt mgħotti bit-tiben spiċċa. Niftakar fl-iskola tas-soru, ix-Xagħra, rokna mill-bejt mimlija bajtar. Waqt il-brejk kienet tqaxxar bajtra lil kull wieħed u waħda minna.

Mhux rokna tal-bejt biss ġie li kienu jimlew imma bejt sħiħ u kien iservihom sa Frar. Biex iżomm daqshekk kont trid taqtgħu għadu ħa jkun f'saħħtu u jitħalla jsir minnu nnifsu. Biex ma jmissuhx mill-ferita mnejn jinqata' minn ommu kienu jħallulu biċċa werqa rqiqa miegħu. Din kienet tinxef u ma tħallix il-mard jidħol. Il-bajtar fuq il-bejt kienu jwaqqfuh bħall-bittiħ jiġifieri bil-kuruna 'l fuq.

Jgħidu mbagħad li fi żmien il-bajtar matul ix-xahar ta' Santa Marija kien hemm min jgħaddilek bil-bajtar biss. Kienu jaqtgħulek qoffa filgħodu għar-riq kif il-bajtar ikun frisk bin-nida li jibda jaqa' għal Santa Marija jintefgħulek bilqiegħda ħdejha u b'mus b'idhom iqaxxrulek waħda waħda sa jsibulek il-qiegħ u jħallulek għarma qxur biss warajhom. Fl-eħtrieq meta x-xewk ikun imbaskat il-bajtar kienu jaqtgħuh bil-mażraġa, raħsa mitbiela li tkun waqgħet bir-riħ u tbielet u saret qisha ħarruba bil-għatx. Il-qfejfa bajtar imbagħad kienu jxarrbuha b'barmil ilma kiesaħ silġ mill-bir jew mill-ispiera. L-ilma mhux biss jiffriska lill-bajtar imma wkoll irattab ix-xewk ħalli tkun tista' taqbdu bla ma titniggeż.

Għandi x'jgħidli li l-bajtar hawn Għawdex kien fl-aqwa tiegħu meta jien kont tfal fi żmien il-ġuħ tal-gwerra. Naħseb li kulħadd jaqbel li l-ġuħ kien fl-aqwa tiegħu matul ix-xahar ta' Awwissu ta' l-1942 meta daħal il-konvoj ta' Santa Marija. Ara dakinhar il-

www.gozocathedral.org.mt

bajtar tax-xewk kemm kien sonbor biex itaffi l-ġuħ. Il-bajtar kien jiswa d-deheb u ħafna kienu jaqtgħu mimli qoffa, jitfgħuha fuq spallithom u jerħulha lejn Marsalforn dak iż-żmien imballat bir-refuġjati Maltin. Il-Maltin li ma kienux jistgħu jissaportu sa ma jasal il-bajtar kienu jitilgħu r-raħal biex jingħatu b'erba' bajtriet.

Qabel nagħlaq fuq il-bajtar irrid insemmi kif konna nagħmlu l-qubbajt fi żmien il-gwerra u l-bajtar kif jidħol. Konna nsaħħnu z-zokkor ta' l-Avana li kien lewn il-karamella. X'ħin jinħall konna nżidulu l-lewż ħelu. Biex jiksaħ u jagħqad konna nfittxu werqa tal-bajtar tax-xewk li waqgħet taħt iz-zokk bir-riħ. Bintax-xewk li waqgħet taħt iz-zokk bir-riħ. Bin nixfa il-weraq li jaqa' kien jintena u jsir qisu navetta u għalhekk wieħed kien jista' jsawwab iz-zokkor maħlul ġo fiha u tħallih jiksaħ u jagħqad biex wara nkissruh u kulħadd jieħu biċċa.

It-Tin

Fost il-frott li jsajjar il-werzieq jisemma t-tin. Kif jgħidilna Patri Manwel Magri f'Awwissu kull tin tibda tmissu. It.tin huwa t-tiena boton tas-siġar li tagħmel il-bajtra ta' San Ġwann li jsir l-ewwel ħabta ta' San Ġwann li jaħbat fl-24 ta' Ġunju. Għawdex is-siġar tal-bajtar ġie li nsejħulha *ħaliba* u jekk tkun mixħuta aktar fuq il-bajtar milli fuq it-tin jgħidulha *bajtrija*. Is-sigra tat-tin toħroġ ittielet boton għall-imwaħħar. Dan issibu fittarf tal-fergħa fuq nett u jgħidulu *ġludi*. Iġib lil Settembru biex isir imma ma jittikilx għax minn ġewwa ma jkunx ħaġa. Il-ġludi ismu miegħu: ikun imġelled u iebes.

Biex ikollok it-tin trid iddakru fis-siġra. Dan isir ħabta taż-żmien meta jsir il-bajtar u miegħu jsir ukoll id-dukkar li hu r-raġel tattina. Id-dukkar la jirtab taqtgħu u bilġri ssenslu tnejn tnejn bi spaga u msella u ddendlu 'l hawn u 'l hinn mat-tina. Min ma jkollux spag kien jaqta' s-sensiel, xitla qisha sfunnarija selvaġġa, li tikber għad-dell taħt it-tin. Mid-dukkara toħroġ nemusa mċappsa bit-trab isfar u tidħol ġot-tina u hekk iddakkarha. Ittin li jiddakkar iżomm; dak li ma jiddakkarx is-siġra tobżqu u jaqa'.

In-nemusa tad-dukkar tgħix biss fil-frott tad-dukkara. Biex dejjem issib fejn tidħol, id-dukkara tagħmel xi erbat ibtan matul issena. Skond il-Professur Ġanni Borg l-ewwel boton — *id-dukkar* — li joħroġ fuq il-ħatab ta' għamnewwel jitfaċċa bejn Marzu u April. Ittieni boton — *in-nannu* — joħroġ fuq ir-rimi l-ġdid f'abt il-werqa f'Ġunju. Mela d-dukkar li ndakkru bih it-tin idakkar ukoll in-nannu. F'Awwissu joħroġ it-tielet boton — *iċ-ċarru* — u r-raba' joħroġ għal Settembru u Ottubru u jgħidulu *l-barru*. Dawn ta' l-aħħar idumu fuq is-siġra x-xitwa kollha u jdakkru d-dukkar. Għawdex ngħidu biss li d-dukkar jagħmel tliet ibtan: id-dukkar, il-barru u ċ-ċarru.

F'Santa Marija mhux it-tin biss isir imma l-frott tal-ħalib kollu li jagħmel wiċċ wieħed. Fost dawn insemmi *l-bżengul*, iswed, tawwali u minn ġewwa aħmar u l-parsott. Ix-Xagħra kellna triq li minn Ġnien Xibla tieħu għat-Tafla minn taħt il-Ġgantija li l-poplu dejjem sejħilha Strada Parsott. Oħroġ il-għaġeb bidluha fi Triq Parisot għall-Grammastru La Vallette. Sa fejn naf jien tina waħda hemm imsemmija għall-Grammastri li n-nies jgħidulha tina ta' San Sidori għall-Grammastru Zondadori. Għawdex għandna wkoll *ir-ramli*. Irramlija tagħmel il-frott rqiq imma ħelu. Flaħħarnett insemmi varjeta' li hi tagħna biss. Dan hu *t-tin ta' Ċenċ* li ismu miegħu għax jikber fuq ix-xagħri ta' Ċenċ. Għalhekk Magri jgħid li kull tin tista' tmissu la tiġi Santa Marija.

Il-qroqqa tat-tin u l-għeneb

Ommi kienet tgħid li f'Santa Marija jqiegħdu l-qroqqa tat-tin u l-għeneb. It-tin u l-għeneb isiru matul ix-xahar ta' Santa Marija u kien dan iż-żmien li fih kienu jqiegħdu l-aħħar qroqqa ta' l-istaġun tal-bajd. It-tiġieġ jibdew inaqqsu mill-bajd sa mill-Imnarja. Għall-bidu tal-ħarifa jerfgħu għal kollox għax joħorfu. Ommi kienet tgħid il-mandra mimlija rix jew li t-tiġieġ saru laħam għax neżgħu.

X'kellha speċjali l-qroqqa tat-tin u l-għeneb? Il-flieles li jitwieldu minn din it-

www.gozocathedral.org.mt

taghqida kienu jifthu wara erba' xhur meta l-bajd ikun skars u ghalhekk iġib il-flus. Jekk tqeghidha nhar Santa Marija qroqqa tfaqqaslek wara ghoxrin ġurnata ftit qabel il-Vitorja. Erba' xhur wara jaħbat Għid il-Ħamiem li dari kien isir nhar is-sitta ta' Jannar, illum Ħadd fuq l-Istrina.

Ommi kienet tgħid li qrajjaq li kienu jqiegħdu f'Jannar u nhar il-Lunzjata wkoll kienu jifthu kmieni. Il-Lunzjata taħbat nhar il-25 ta' Marzu. Dwar Jannar ngħidu li kienet tkun l-ewwel qroqqa ta' l-istaġun wara li jerġgħu jifthu t-tiġieġ. Ċensu Mifsud Bonnici jgħid li qroqqa kienu jqegħduha f'Jannar biex il-flieles joħroġu f'saħħithom. Il-flieles tal-bajd imqiegħed f'Jannar ibidu fl-għamar, jiġifieri matul il-ħsad f'Mejju. Mejju kien ix-xahar li fih ma jqegħdux qrajjaq. Kienu jgħidulu tat-tiben. Fit-twemmin tal-poplu Mejju hu x-xahar tad-diżgrazzji u għalhekk qroqqa ma kinux iqegħduha matulu kollu. La jitfaċċa ix-xahar ta' San Ġwann imbagħad id-djar kienu jimtlew bit-tlaqliq tal-qrajjaq.

La semmejna x'kien twemmin il-poplu fuq il-qrajjaq ta' Mejju tajjeb insemmi xi twemmin ieħor dwar it-tqegħid tal-qrajjaq li jien ġbart l-iktar m'għand ommi u missieri, Alla jaħfrilhom it-tnejn, u xi nies oħra tar-raħal. L-ewwelnett missieri kien jgħid li f'qamar mitluf la tqiegħed qrajjaq u la jsir żrigħ u lanqas tilqim. Il-qamar ikun fit-telfa meta l-qadim ikun spiċċa u l-ieħor għadu ma ġeddidx. Il-qamar iġedded meta jidher felli rqiq fil-punent f'inżul ix-xemx meta jibda xahar ġdid għal-Lhud u għall-Misilmin. Ommi kienet tgħid li jekk tqiegħed il-qroqqa f'qamar mitluf il-flieles jagħtihom tal-qamar, jibdew iduru u jaqgħu mejta fl-art.

Twemmin ieħor kien fuq in-numru ta' bajd li trid tqiegħed taħt il-qroqqa. Qroqqa magħmula tieħu madwar għoxrin bajda taħtha imma qatt ma kienu jqiegħdu numru biż-żwieġ. In-numru dejjem frud ried ikun. Għalhekk jew tpoġġilha dsatax jew wieħed u għoxrin. Missieri kien jgħid li ġie li qegħdulha tlieta u għoxrin ukoll. Tiġieġa tal-kina li tkun ta' daqs żgħir tieħu ħmistax-il bajda taħtha. Meta ma kienx ikollhom bajd tas-serduk minn tagħhom kienu jibdlu tagħqida mal-ġara li kienet iżżomm serduk u għalhekk kellha l-bajd ingallat.

Mhux biss il-qamar u n-numru tal-bajd kien ikun irid ikun sew imma r-riħ ukoll. Ommi kienet tgħid li kienu jqiegħduha fir-riħ fuq biex il-qroqqa ma tkunx imxarrba bin-nida. Ċensu Mifsud Bonnici jgħidilna li qroqqa jqegħduha f'riħ majjistral. Bħalma tafu l-majjistral u t-tramuntana huma r-riħ fuq.

Fl-aħħarnett irrid insemmi l-muftieħ. Dari l-bibien kont tiftaħhom b'kull muftieħ fih ratal li kien jaħdmu l-ħaddied. Waqt xi maltempata min kien ikollu xi qroqqa kien jaqbad muftieħ u jmur jiġri jqiegħdu ħdejn il-bajd taħt il-qroqqa biex ma tiġrilux ħsara bis-sajjetti u jaqta'.

Il-Qaqoċċ

Dari l-aħjar qaqoċċ li kellna kienu jtellgħuh is-suq in-nies tal-Belliegħa li kellhom u għad għandhom għelieqi sħaħ imħawla qaqoċċ. Għad-dell tas-Sur ta' Għawdex malli l-qniepen tal-Belt kienu jibdew jaħsbu għall-festa ta' Santa Marija kienu jagħtu daqqa ta' mgħażqa liz-zokk il-qadim tal-qaqoċċ u jqaċċtuh minn wiċċ l-art. L-għerq jibqa' ħaj minn sena għal sena u għalkemm jistrieħ matul is-sajf malli ssaqqih jerġa' jarmi.

Għalhekk wara li jtajru z-zkuk u jiġbruhom għall-ħami kienu jisirġu l-art u jħallu l-ilma jterred ġol-qaqoċċ ħalli jfittex italla' l-ġdid. Wara l-ewwel saqja kienu jridu jibqgħu jsaqquh sa ma tagħmel l-ewwel xita. Il-Belliegħa għandhom bjar fil-franka bl-ilma ġieri ġej dejjem minn taħt ir-Rabat. Ħasra li ħafna minn dan ir-raba' llum nbena. X'uħud huma u jħaffru għall-pedamenti ma setgħux isibu tarf ta' l-ilma dejjem ġej ma' wiċċhom.

Qaqoċċ imsoqqi għal Santa Marija jew ftit qabel matul il-kwindiċina jibdew jaqtgħuh għall-Kunċizzjoni u jressquh il-pitkalija u għalhekk nibdew naraw xi waħda s-suq. Mal-qaqoċċ trid mill-inqas żewġ ħxejjex oħra għall-mili: it-tewm u t-tursin. It-tewm bikri jiżirgħuh ġol-kaboċċi biex jissaqqew flimkien.

www.gozocathedral.org.mt

It-tursin li jinżara' f'qamar Jannar ma jtallax sibbiela u jibqa' jħaddar matul is-sajf. Kif iħoss l-ewwel xita jiġġennen u jsir qisu silla. Għalhekk ma' l-ewwel qaqoċċ għandek issib dik il-qatta tewm u oħra tursin li jmorru miegħu. Mat-tursin u t-tewm tmur ftit mluħa maż-żebbuġ u l-inċova. Dari ommi kienet tagħmel ukoll bċejjeċ tat-tonn immellaħ. Ma' dawn kienet iżżid ukoll iż-żbib. Tgħidx x'borma tfuħ kien ikollha meta ssajjar il-qaqoċċ.

Il-bdiewa ta' Buwarrat biex jaqbdu s-suq tajjeb għall-qaqoċċ imdorrijin isaqquh l-ewwel darba għal nofs Lulju biex iqabbeż bikri xi tliet xhur wara jiġifieri għall-aħħar ta' Settembru jew il-bidu ta' Ottubru kif iħoss l-ewwel xita li taħsillu għeruqu mill-ilma salmastru li jkun xorob matul it-tliet xhur ta' qabel għax l-ilma ta' Buwarrat hu ilma tal-pjan jiġifieri ta' nċim il-baħar. Il-ħaxix imsoqqi bl-ilma salmastru jissagħtar, jiġifieri ma jġibx ruħu u jibqa' żgħir.

Għidna li l-qaqoċċ jibqa' ħaj minn sena għal sena imma biex tibqa' tieħu wiċċ tajjeb u sabiħ trid iġġeddu kull tlieta jew ħames snin. U għal min irid il-qaqoċċ bikri tajjeb wieħed ikun jaf li hi l-mara li tqabbeż il-frott l-ewwel. Il-mara tingħaraf mir-raġel għax ikollha il-weraq lixx. Ir-raġel għandu l-weraq imnaqqax u jitla' iktar sfiq. Ir-raġel iħobb jagħmel imwaħħar. Tisqih kemm tisqih u jkollu ilma kemm ikollu ilma arah italla' l-qaqoċċ ħabta ta' l-Għid.

Nagħlaq billi nsemmi twemmin kurjuż dwar il-qaqoċċ. Jgħidu li meta tiekol il-qaqoċċ tgħaddi l-lejl toħlom. Tant hu hekk li l-Għarb jgħidulu: Ma rqadtx ħawn!

Il-Kaboċċi Mwaħħra

Il-kaboċċi bikrija tinżara' f'tal-Karmnu għal nofs Lulju. Għadni niftakar lil missieri jagħmel l-imxietel tal-kromb, jiġifieri kaboċċi u pastard fuq il-ħajt ta' l-għalqa qrib il-bir li kellna fuq ir-riħ tal-wied taċ-Ċanti. Kien jagħmilhom fuq il-ħajt biex tilħaqhom xi sirda fil-klami li jħobbu jagħmlu fix-xahar tal-Karmnu u qrib il-bir biex ma jbatix ħafna biex isaqqihom. Il-bdiewa dari nhar Sant' Anna ma kinux jaħdmu. Kienu jerħulha għall-baħar biex jaħsbu għall-melħ li jkunu jridu matul is-sena. Ħaġa oħra li jienu jagħmlu nhar Sant'Anna kienet li jaslu sa l-għalqa fejn ikollhom l-imxietel u jikxfuhom, jiġifieri jneħħulhom ix-xkejjer li kienu jgħattuhom bihom biex ix-xemx ma tiblax it-tira għax inkella ż-żerriegħa ma tnebbitx.

Il-kaboċċi mwaħħra kienet tinżara' għal Santa Marija. Tilħaq għat-taħwil xi tlieta jew erba' ġimgħat wara. Dan jaħbat iż-żmien meta l-bdiewa jkunu jistennew l-ewwel taqliba tat-temp fuq il-Vitorja. Biex żgur iħawluha qrib iż-żmien meta jibda jixti l-bdiewa jħobbu jxarrfuh billi jħalluh nieqes mill-ilma fil-mixtla biex ikun jista' jġebbed sa l-ewwel xita li għandha mnejn ma tagħmilx qabel ix-xahar tar-Rużarju u xi drabi wkoll sax-xahar ta' San Martin.

Biex il-kaboċċi taqbad u żżomm sa l-ewwel xita l-bidwi l-ewwel iħaffer il-bjut imbegħdin mhux ħażin minn xulxin għax il-kaboċċi l-antika tissaġġar u meta tkebbeb kienet issir daqsiex. Wara li jħaffirhom kien isaqqihom biex l-art xotta titterra jiġifieri tixxarrab u żżomm hekk għat-tul. Il-bejt tħallih miftuħ u tgħaddas ix-xitla tal-kaboċċi fih. Wara ttiha daqsxejn ilma biex tgħattilha l-kolp, jiġifieri fejn tajt bil-lexxuna biex ħawwiltha u l-għada tordom il-bejt kollu biex ix-xitla titlebbet u żżomm sa l-ewwel xita.

Jidher hekk li l-kaboċċi mwaħħra taqbel għall-art bagħlija. Il-kaboċċi bikrija trid is-saqwi. Illum qegħdin iħawlu l-kaboċċi tar-ratal. Din iżgħar mill-qadima b'weraq iżgħar u tieħu inqas wisa' u fuq kollox tinżara' s-sena kollha. Dehret ukoll il-kaboċċi kaħla daqs tar-ratal imma għandha dehra isbaħ biex iżżejjen il-platt. Il-bdiewa l-vjola jgħidulu ikħal jew iswed. Hekk għandna l-ġidra kaħla u l-għeneb iswed.

It-Tadam tal-Qasba

Għal Santa Marija jinżara' t-tadam tal-qasba. Bħal kull ħaġa li tinżara' għal Santa Marija fl-imxietel tat-tadam jilħaq għat-taħwil

qabel l-ewwel xita u għalhekk għall-ewwel trid iżżommu bl-ilma. Wara jgħix bix-xita billi jdum ħaj sa madwar Frar, ix-xahar li jfawwar il-bjar. It-tadam tal-qasba bħat-tadam tas-serer hu razza li tixxabbat u għalhekk billi jkun fil-beraħ xi tliet ġimgħat wara li tħawlu trid tagħmillu tliet qasbiet imwaħħla fl-art madwar kull xitla u torbothom ma' xulxin fit-tarf ta' fuq biex ikun jista' jixxabbat magħhom. Imħabba dawn it-tliet qasbiet hemm min jgħidlu wkoll tal-grabja. Billi dawn il-qasbiet qishom tinda ta' l-Indjani ta' l-Amerka jgħidulu tal-*wigwam* ukoll.

La jikber fix-xhur tad-dlam jiġifieri tal-ħarifa u x-xitwa tajjeb tħawlu għall-kenn u f'art li tħares lejn ix-xemx billi jrid iġib ruħu, joħroġ l-inwar u jgħaqqad il-frott u jsajru fi żmien meta s-sigħat tan-nhar ikunu qosra. Dan jgħinu biex ivinċi x-xitwa u jibqa' jsajjar sa Frar.

Barra t-tadam tal-qasba Għawdex għandna t-tadam tal-werqa. Dan issibu l-iktar lejn in-Nadur billi għandhom raba' ramli fil-Wied tar-Ramla. Dat-tadam in-Nadurin jiżirgħuh għall-ħarifa taħt xi ħajt iħares fejn in-nofsinhar ġod-demen imħalleb jiġifieri msoqqi sew minn qabel biex tneħħilu s-saħħa u ma jaħraqx l-għeruq tat-tadam fil-mixtla. Dad-demen imħalleb iżomm l-art sħuna. Meta jħawluh imbagħad jagħmlulu pala tal-bajtar tax-xewk li aħna l-Għawdxin ngħidulha werqa ta' dindja. Dil-werqa jmidduha ħdejn ix-xitla biex jilqgħulha r-riħ fuq u taħkimlu s-sħana tax-xemx dgħajfa tax-xitwa. Dil-werqa tal-bajtar tax-xewk tat l-isem lil dan it-tadam imrobbi b'tant għożża mill-bdiewa tagħna.

Il-Majjistralata ta' Santa Marija u l-furalijiet

Jgħidu li matul il-ġimgħa ta' Santa Marija u sa ġimgħa wara l-festa għandha tagħmel majjistralata. Dil-majjistralata tikser l-għomma, qawwija li aħna nsemmu li tagħmel għal San Lawrenz li ngħidu li hi festa tas-sħana. Qabel San Lawrenz hemm festa oħra li ġġib il-majjistral. Din hi Santa Margerita li taħbat nhar il-għoxrin ta' Lulju imma l-festa tagħha ta' Sannat jagħmluha fir-raba' Ħadd tax-xahar. Is-Sannatin jgħidu li lejlitha jew nharha ġġibu żgur il-majjistral Santa Margerita. Qabel Santa Margerita jaħbtu l-klami tal-Karmnu li jistgħu jkunu l-eħtrieq, riħ isfel xott li jikwi li jaqtgħalek nifsek.

Ċensu Mifsud Bonnici jgħid li l-klajjem, ġranet ta' bla ebda riħ jibdew wara San Ġwann, li jaħbat fl-24 t'a Ġunju. Dan għax skond is-sajjieda għal San Ġwann nistennew il-majjistral ta' San Ġwann. Jgħidu li, meta wara ġranet ta' sħana tiġi majjistralata, tiknes kollox. Imma mhux hekk. Veru li l-majjistral tax-xitwa jista' jibqa' jagħmel sa tal-Karmnu imma mbagħad jibda' jbiegħed. Barra l-majjistralata ta' Santa Margerita u l-oħra ta' Santa Marija jista' ma jerġax jagħmel majjistral qabel il-ħarifa tant li Ċensu Mifsud Bonnici jgħid li sal-Qaddisin Kollha r-riħ fuq jiġi bil-bolla jiġifieri jtul biex jiġi.

Jekk il-klajjem jibdew ma' San Ġwann u jibqgħu sejrin sal-bidu ta' Novembru kif sa titberred daqsxejn l-art tagħna. Hawn jidħlu l-furalijiet, irjieħ ħfief li jonfħu bil-ħin darbtejn kuljum darba mill-art u darba mill-baħar. Naraw sew xinhuma dawn l-irjieħ.

Jekk tkun villeġġatura Marsalforn jew ix-Xlendi, f'ġurnata ta' kalma li ma tara xejn jitħarrek f'daqqa waħda għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofs inhar jew anke ftit qabel għax jiddependi minn kemm tkun saħnet l-art matul in-nofs ta' nhar ta' fil-għodu, tibda dieħla żiffa mħarrka minn fuq il-baħar li minn żejt jibda mmewweġ ħafif. Il-bnadar ta' l-għassa tal-pulizija u tal-lukandi, l-umbrelel fuq l-imwejjed u l-purtieri jikxfuh mill-ewwel għax filli ma jiċċaqalqu xejn u filli jieħdu r-ruħ u jimtlew ħajja. Dan hu l-fural. Il-fural ta' wara nofs in-nhar jiġi li jdum ġej sal-ħamsa ta' fil-għaxija, drabi oħra ma' għabex ix-xemx jonkella jdumlek sa ma jaqta' d-dawl tal-punent, kif jgħidu s-sajjieda, jiġifieri jaqa' d-dlam tal-lejl wara l-għabex.

Il-fural ma jinħassx biss minn dawk li jkunu villeġġatura imma jinħass ukoll minn dawk li jibqgħu d-dar ir-Rabat u fir-rħula. Billi matul is-sajf il-festi sejrin dejjem ikun

www.gozocathedral.org.mt

hemm il-bnadar x'imkien li malli jibda jserred il-fural tarahom jitharrku minn ma' l-arblu u jibdew iperpru. Is-sajjieda li jkunu fuq il-baħar ukoll iħossuh il-fural dieħel l-art. Jinħass sa xi ftit il-barra mill-art għax im-bagħad tarġa' taqa' l-kalma bix-xemx tagħti kif taf tagħmel fuq il-baħar. Għalhekk imdor-rijin naraw lis-sajjieda b'kappell tat-tiben daqsiex biex jilqgħalhom il-qilla tar-raġġi tagħha.

Issa billi l-fural hu riħ li jonfoħ mill-baħar għal fuq l-art speċjalment fil-bajjiet li jkoll-hom wied warajhom min ikun Marsalforn jew ir-Ramla jħossu dieħel 'il ġewwa dritt mit-tramuntana. Min ikun ix-Xlendi jew Mgarr ix-Xini mbagħad iħossu dieħel mill-lbiċ jew nofsinhar dritt għal ġol-port. Tax-Xlendi jgħidulek li dejjem mil-lbiċ ikun dieħel.

X'iġibu l-fural? Meta jkun bnazzi wara li titla' x-xemx l-art tinħema l-iktar fil-widein. L-arja sħuna tibda tielgħa 'l fuq u f'lokha tidħol arja iżjed friska minn fuq il-baħar. Iktar ma tieħu s-sħana kif jikser nofs in-nhar l-arja dieħla minn fuq il-baħar tinħass bħala żiffa li aħna nsejħulha fural.

Meta mbagħad tinżel ix-xemx l-art malajr tibred u magħha l-arja ta' fuqha. Mill-banda l-oħra l-arja ta' fuq il-baħar bnazzi tibqa' sħuna l-istess bħall-baħar lejl u nhar. Għalhekk minn xi s-siegħa ta' bil-lejl 'il quddiem jibda nieżel ir-riħ mal-widien fejn l-arja tkun kesħet l-aktar għal fuq il-baħar. Dar-riħ idum sa wara li tkun telgħet ix-xemx u xħin is-sħana fil-widien tkun reġgħet laħqet dik ta' fuq il-baħar ir-riħ imut għal kollox.

Dar-riħ ta' bil-lejl li jonfoħ mill-widein għal fuq il-baħar is-sajjieda jsibuh ir-riħ tal-wied jew ir-riħ ta' l-art għax tkun fejn tkun jonfoħ mill-art għal fuq il-baħar u ġie li jħossuh anke dawk li jkunu sa siegħa mutur 'il barra mill-art. Is-sajjieda li jkunu jistadu f'dawk il-ħinijiet jgħidu: "Ilħaqna l-kesħa tal-wied".

Irrid nagħlaq billi ngħid kelma fuq ir-riħ l-art u r-riħ barra billi r-riħ tal-wied li bil-lejl jonfoħ għal fuq il-baħar jgħidulu r-riħ ta' l-art. Meta ma jkunx fural tal-bnazzi imma riħ regu-lari ġej mill-bogħod għas-sajjieda tax-Xlendi r-riħ l-art jiġi min-nofsinhar u l-lbiċ u r-riħ barra jiġi mit-tramuntana u l-grigal, għax jonfoħ minn fuq l-art għal fuq il-baħar. Għas-sajjieda ta' Marsalforn ir-riħ barra hu l-lbiċ u n-nofsinhar. Miskin hu min joħroġ f'dan ir-riħ u jintfielu l-mutur għax jispiċċa Sqallija. Im-bagħad ir-riħ l-art hu r-riħ li jdaħħlek il-port ta' Marsalforn, mela r-riħ fuq u l-grigal.

L-Erba Santa Marija

L-erba Santa Marija ommi kienet issibha bħala l-ħaxixa tal-Madonna u kienet tgħallihieli meta jkolli s-sogħla. Bħall-erba bjanka u l-fidloqqom u l-ħaxix l-ieħor li kienu jgħallu dari l-erba Santa Marija għandha togħma morra u trid iżżidilha z-zokkor biex tixrobha.

L-erba Santa Marija bħal ħafna ħaxix ieħor tal-familja Labiatae llum imsejħa Lamiaceae, għandha weraq ifuħ tgħidx kemm, ġej tawwali kollu pizzi jixbaħ lil tal-Buqoxrom (Verbena) u għalhekk isimha bil-Latin hu Salvia Verbe-naca. Il-fjuri jagħtu fl-ikħal u qishom trum-betti żgħar b'xoffa fuq naħa mdendla 'l isfel. Ix-xitel ta' din il-familja bħal ngħidu aħna r-rignu, il-merdqux, il-ħabaq, is-sagħtar, il-klin u s-salvja issibhom bħala ħxejjex tal-kċina imma jgħalluhom u jixorbuhom ukoll bħala duwa.

L-erba Santa Marija li jsibuha wkoll bħala *salvja tal-Madonna* jew *salvja selvaġġa*, bħalma diġà għidt kienu jgħalluha għas-sogħla, imma billi jsejħulha wkoll *ħaxixet il-fwied* naħseb li kienu jgħalluha wkoll meta jħossu li għandhom il-fwied maħmuġ.

Barra dawn l-ismijiet, Dun Franġisk Agius isejħilha wkoll ħaxixet Santa Marija u Busuttil minn fuq Gulia jsejħilha Ħabaq tal-Madonna. Hawn ukoll min isejħilha Makuba tal-Madonna, naturalment mir-riħa qawwija li għandu l-weraq mxebbħa ma' dik tat-tabakk li kien jiġi mill-belt ta' Makuba fil-Martinika, gżira fil-Karibew, waħda mill-Antilli ż-Żgħar, gżira Franċiża bejn Dominika u Santa Luċija, żewġ gżejjer Ingliżi. It-tabakk Makuba kienu jfewħuh bl-essenza tal-ward u l-vjoli u kellu

www.gozocathedral.org.mt

riha tassew delikata.

Il-gustuża hi li l-isem makuba jingħata lil xitla oħra tal-familja tal-ġeranju u sardinell li nsibuha tikber fil-ġonna. Għandha fjuri żgħar roża bħal tal-ġeranju u weraq ifuħ riħa tal-warda, u għalkemm bit-Taljan jgħidulha *geranio odor di rose* u bl-ingliż *odour of rose geranium* aħna qabbilnieh ma' dak tat-tabakk fin ta' Makuba. Ommi l-kelma kienet tgħidha minquba u x-Xagħra hemm min jgħidilha Wġigħ ta' Ras għax kienu jgħalluha biex itaffu l-uġigħ meta jkollhcens uġigħ ta' ras jaqsam. Mhux ta' b'xejn dari x-Xagħra kulħadd kien ikollu waħda ġo ħawt fil-bitħa.

Il-Ħaxixa ta' Santa Marija

Dan l-isem qaluli darba raħħal minn ta' Kerċem, illum Alla jaħfirlu, meta mxejt miegħu hu u sejjer jirgħa l-mogħoż lejn l-għadira ta' Sarraflu biex jgħallimni l-ismijiet tal-ħxejjex li niltaqgħu magħhom mal-ġenb tat-triq u fuq il-blat ta' dawk l-inħawi. Kienet habta ta' Santa Marija u żewġ xewkiet il-waħda msejħa xewk il-għotba b'ward isfar u l-oħra għajn il-baqra xewwikija, kannella bit-truf sofor, kienu bil-ward. Ommi u missieri kienu jgħallmuni li kemm il-waħda u kemm l-oħra jgħidulhom ħaxix tad-deni u missieri ġieli għallieli xewk il-għotba meta kelli d-deni. Dak imrar! Dawn huma ż-żewġ ħaxixiet li r-raħħal qalli jgħidulhom ta' Santa Marija għax jiftħu dak iż-żmien u qalli li jgħidulhom ukoll tad-deni rqiq.

Għalkemm it-tnejn huma tal-familja tax-xewk dari msejħa Compositae, illum Asteraceae l-ebda waħda minn dawn mhi propjrament xewka avolja għandha x-xewk. Ix-xewka tal-għotba hija ċentawrja u għandha weraq muswaf bajdani bil-fjuri mdawra bix-xewk u jekk tirfisha tgħattbek. Għajn il-baqra wkoll għandha ftit xewk madwar il-fjura għax il-weraq ukoll muswaf u artab (Pallenis Spinosa).

Privat tal-Matematika

għall-istudenti li jattendu l-iskola Primarja li qegħdin

fir-raba sena,
fil-ħames sena, u
s-sitt sena li qed jitħejjew għall-Junior Lyceum

Tingħata attenzjoni individwali

Ikkuntattjaw lil Ms. Frances Spiteri fuq 555172

Palazzo Margherita

Bar & Restaurant

Dun Luqa Street, Sannat, Gozo.
Tel: 555737/562807 Fax: 562808

Naċċettaw ordnijiet għal kull xorta ta' okkażjonijiet f'ambjent sabiħ, catering ġenwina u prezzijiet raġjonevoli:

*** Tiġijiet**
***Magħmudijiet**
*** Ikliet**
*** Parties**

Palazzo Margerita joffri ukoll
"Sunday Family Lunch"
Price: Lm3.85 *(VAT incl.)*
Fejn tiekol kemm trid minn "Hot Buffet"

Palazzo Margerita jaċċetta wkoll kull tip ta' ***Outside Catering***

*** Tiġijiet**
*** Parties**
*** Gateau**

Għal full booking ċempel 555737 / 557898

BABY LANE

Archbishop P. Pace Street,
Victoria, Gozo
Tel: / Fax: 564415
(Opposite the Gozo General Hospital Main Entrance)

ANYTHING YOU NEED FOR YOUR
BABY
UP TO 7 YEARS
AT SPECIAL PRICES

L-ARKA TAL-PATT U L-ASSUNTA

minn
Mons. Lawrenz Sciberras

Wieħed mill-oġġetti l-aktar għeżież u għal qalb il-poplu Lhudi matul iż-żmien tat-Testment il-Qadim kienet l-Arka tal-Patt. Din kienet tfisser il-preżenza ta' Alla fosthom u magħhom. Fil-gwerra ta' Afek fis-sena 1050 qabel Kristu, il-Lhud biex ikollhom l-għajnuna ta' Alla magħhom ħadu l-arka fil-kamp tal-battalja. Tant li hekk kif indunaw il-Filistej b'dan qalu: "Ġie Alla fil-kamp" (lSam 4,7). Sinjal ieħor ta' rispett lejn l-arka kien meta l-Lhud jiġu biex iġorruha minn post għal ieħor, kienu jerfugħha l-Leviti. Meta imbagħad il-Lhud jieqfu għal xi perijodu ta' żmien dejjem b'sens ta' rispett kienu jqiegħduha ġo għarix, tinda.

Nebukadnessar

Il-Bibbja tgħidilna li meta Nebukadnessar, sultan ta' Babel seraq il-Ġerusalemm fis-sena 597, "u dan ġarr minn hemm it-teżori kollha tat-tempju tal-Mulej u t-teżori tal-palazz tas-sultan, u farrak it-tagħmir kollu tad-deheb li Salamun sultan ta' Israel kien għamel fit-tempju tal-Mulej" (2 Slat 24,13). Għaxar snin wara mbagħad mela 587, l-istess sultan ta d-daqqa tal-mewt lill-belt ta' Ġerusalemm biex imbagħad seraq u neħħa għal kollox dawk l-oġġetti prezzjużi kollha tat-tempju li kien fadal (2Slat 25,9-17).

U liema kienet ix-xorti li messet lil arka tal-Patt wara dawn iż-żewġ serqiet hekk kbar. Ma ninsewx li l-Arka kienet qiegħda b'għożża l-aktar kbira fil-parti ta' ġewwa nett tat-tempju (l Slat 8,6). Bi probabiltà l-aktar kbira, din l-arka tal-patt ġiet imkissra u meqruda għal kollox. Però kif josserva tajjeb C. Gancho: "Fost l-oġġetti msemmija u li dawn ġew meħudin lejn l-eżilju ta' Babel, l-Arka tal-Patt ma tissemmiex. U dan ġara b'kumbinazzjoni jew sinjal ta' rispett?

Fit-tieni ktieb tal-Makkabin imbagħad hemm dettal ta' importanza enormi dwar l-Arka tal-Patt. Jingħad, dejjem fuq talba ta' Alla, li l-profeta Ġeremija meta ra l-assedju fuq il-belt u t-tempju kemm kien fil-qrib, qabad u ħa l-Arka tal-Patt, bit-tinda u l-artal ta' l-inċens u ħbihom f'għar fuq il-muntanja Nebo u għalaq il-bieb. "Il-post ma jkun jaf bih ħadd sa ma Alla ma jiġborx il-poplu u jħenn għalih. Imbagħad il-Mulej jerġa juri dawn il-ħwejjeġ, tidher il-glorja tal-Mulej..." (2Mak 2,8).

Fil-ktieb apokrifu li jismu l-Apokalissi ta' Baruk, l-ewwel seklu wara Kristu, hemm din id-deskrizzjoni. Qabel ma l-Babiloniżi ħabtu għat-tempju, Alla bagħat anġlu li mar u qagħad fil-parti l-aktar qaddisa tal-maqdes. U minn hemm huwa ħa l-velu, l-efod, il-propizjatorju, ż-żewġ twavel tal-Liġi, l-ħwejjeġ sagri tal-qassisin. Imbagħad ħeba dawk l-oġġetti qaddisa f'post, u li ta ordni biex jiġi mħares sa l-aħħar taż-żmien, meta Ġerusalemm tiġi rrestawrata għal dejjem.

R. Eleazzaru huwa tal-fehma li l-arka kienet destinata li tibqa' għaż-żmien li ġej.

www.gozocathedral.org.mt

Rabbi Levi mbagħad iżomm tradizzjoni oħra. Meta t-tempju ġie meqrud, ħames oġġetti ġew ippreservati u mħarsin dejjem bl-intervent divin. Dawn huma l-arka, il-kandelabru (menorà), in-nar, l-ispirtu qaddis, u l-kerubin. U jkompli "Il-qaddis, imbierek ikun ismu, meta fil-ħniena nfinita tiegħu jibni mill-ġdid it-tempju u l-post qaddis tiegħu, huwa jirrestawra kollox mill-ġdid, hekk immela Ġerusalemm tifraħ kif hemm miktub: "Ħa jifirħu d-deżert u l-art maħruqa, ħa jifraħ ix-xagħri u jwarrad, ħa jwarrad bħar-ranġis." Ħa tifraħ fuq li tifraħ, taqbeż u tgħanni" (Is 35,1).

Fil-ktieb ta' l-Apokalissi mbagħad hemm miktub: "U nfetaħ it-tempju ta' Alla, li hemm fis-sema, u dehret l-Arka tal-Patt tiegħu fit-tempju" (Apk 11,19).

Ġisem Marija

Il-ħsieb li hemm taħt dawn il-kurrenti ta' ideat dwar l-Arka tal-Patt donnhom jaħsduna minħabba l-affinità li hemm bejn l-Arka u Ġisem Marija meħud is-sema. Anke l-istess injam li minnu kienet magħmula l-arka, injam tal-gażżi, u li ma jispiċċax anke jekk tordmu, huwa tip ieħor ta' l-assunzjoni ta' Marija fis-sema, ruħ u ġisem. Qatt u qatt ma kien jixraq li l-arka tat-Testment il-Ġdid tara t-taħsir tal-qabar. Meta Marija ġiet meħuda s-sema bir-ruħ u bil-ġisem, Alla qaddes dak il-post fejn serħu "mirfes riġlejja" (Is 60,13).

San Ġwann Damaxxenu msejjaħ id-duttur il-kbir ta' l-Assunzjoni fit-tieni omelija tiegħu jgħid hekk: "Kien jixraq li dik li meta saret omm ħammet bla mittiefsa x-xbubija tagħha, anke wara mewtha, ġisimha jibqa' mingħajr tiħsir u jgħix fit-tabernaklu divin." Fil-waqt li San Roberto Bellarmino (+1621) jgħid: "U min qatt jista jemmen lil-arka tal-qdusija, il-post fejn għammar il-Verb, it-tempju ta' l-Ispirtu s-Santu jiġi qatt imġarraf? Dan il-ħsieb biss iwerwirni għal ħsieb li dak il-laħam verġinali li ġġenera 'l Alla, li welldu, li għajxu, li ġarru miegħu, imbagħad jispiċċa fix-xejn u jsir irmied jew inkella ikel id-dud.

Għalhekk il-marjologu Domenico Bertetto jasal għal din il-konklużjoni: Hekk kif il-festa ta' l-Immakulat Konċepiment hija t-trijonf tar-ruħ ta' Marija, hekk ukoll il-festa ta' l-Assunzjoni hija it-trijonf tal-Gisem ta' Marija. Il-Papa Piju XII fil-Kostituzzjoni Apostolika *Munificentissimus Deus* tas-sena 1950 wara li sema x'kienet tgħid it-tradizzjoni tal-Knisja ddikjara: "L-Immakulata Omm Alla dejjem Verġni Marija, wara li temmet il-mixja tagħha hawn fuq l-art, ġiet meħuda fil-glorja tas-sema bir-ruħ u bil-ġisem" (Acta Apostolicae Sedis 42 (1950) 70).

Marija l-arka tal-patt il-ġdid

Il-Lhud-Insara taw interpretazzjoni oriġinali ħafna lill-arka. Għalihom din saret simbolu ta' Marija omm Alla. Hekk kif l-injam ta' l-arka ma jispiċċax għaliex kien iebes ħafna, hekk l-istess il-ġisem safi ta' Marija ma kellu qatt jara t-taħsir fil-qabar. Tliet xhur sħaħ damet l-arka tal-Mulej fid-dar ta' Għobed-edom u ġabet ferħ kbir (2Sam 6,11) u tliet xhur oħra damet Marija fid-dar ta' Żakkarija fost il-ferħ tas-sema. (Lq 1,56).

Meta l-arka kienet fid-deżert, sħaba kienet tgħattiha: L-ispirtu s-Santu dellel ukoll fuq Marija hemm ġo Nażaret biex saret omm Alla (Lq 1,35). Paralleliżmu ieħor qiegħed fil-kotba apokrifi. Waqt li l-appostli kienu qegħdin iġorru il-ġisem mejjet ta' Marija lejn il-qabar fil-Wied tal-Kedron, il-qassis il-Kbir ipprova jaqleb dan il-ġisem qaddis ta' Marija. Dak il-ħin stess daħal l-anġlu ta' Alla u nixxef idejn il-qassis il-kbir. Dan ġie għalhekk ikkastigat għal Għużża (2Sam 6,6). Dan il-qabar illum huwa miftuħ u wieħed jista jaraħ fl-istat oriġinali tiegħu.

Il-bieqja li kien hemm ġo l-arka din ukoll hija sinjal ta' Marija. F'din it-tazza kien hemm l-ikel tas-sema li l-Lhud kielu matul il-mixja tagħhom fid-deżert. Marija wkoll tixbaħ lil dak il-bieqja; għaliex hija għal disgħa xhur sħaħ ġarret fi ħdanha 'l dak li kellu jgħajjex lil bnedmin għal ħajja ta' dejjem.

Bir-raġun għalhekk il-Knisja issejjaħ lil Marija bit-titlu ta' *Arka tal-patt il-ġdid.*

www.gozocathedral.org.mt

XOGĦOL TA' KONSERVAZZJONI U RESTAWR FUQ IL-KWADRU TAL-MADONNA TAR-RUŻARJU

Godwin Cutajar Dip. IAAR, ICR Rome

Il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju li naraw illum hu magħmul minn pittura ċentrali li, biż-żmien imbagħad, ġiet imkabbra fit-truf. Il-biċċa oriġinali, jiġifieri dik ċentrali, kif inhi llum tinkludi parti f'għamla ta' nofs tond fin-naħa ta' fuq u għandha dimensjonijiet massimi ta' 276.5 cm x 177 cm. Din ġiet impittra fuq xkora bi ħjata ferm miftuħa. L-artist ġeneralment ħadem b'żebgħa rqiqa, u mbagħad, qaleb għal żebgħa aktar ħoxna fejn l-aktar jaqa' dawl.

Għal xi raġuni jew oħra, il-kwadru, wara ż-żmien, ġie mogħti xejra rettangolari u mkabbar għad-daqs ta' 319.5 cm x 221 cm, kif narawh illum. Dan sar billi l-parti oriġinali ġiet imwaħħla fuq support ġdid, support li jinkludi ż-żieda. B'dan l-intervent, il-pittura oriġinali kienet ġiet mhux biss imkabbra, imma wkoll strutturalment imsaħħa.

Saru wkoll irtokki fuq il-pittura oriġinali, biex kemm jista' jkun il-parti l-qadima (oriġinali) tiġi taqbel mal-ġdida. Ta' min igħid li, f'xi partijiet, il-biċċa l-ġdida hi aktar ħoxna minn dik oriġinali, bir-riżultat li ż-żewġ partijiet baqgħu dejjem xi ftit magħżula estetikament minn xulxin.

Il-kwadru mkabbar ġie miġbud fuq tilar ta' l-injam li għandu traversa orizzontali fin-nofs. Dan it-tilar, li hu espandibbli, għandu ifilsa f'għamla mhix tas-soltu, għax jibdew b'forma trijangolari u jispiċċaw b'ras tonda. Dan il-"kapriċċ" milli jidher, sar biex it-tilar ikun aktar għani.

Stat ta' Konservazzjoni:

Il-kwadru għandu tensjoni tajba, u mingħajr deformazzjonijiet superfiċjali li jistgħu jtellfu mil-letteratura ta' l-opra ta' l-arti. F'xi rqajja' żgħar, iż-żebgħa hi mwaqqgħa jew ser taqa', tippreżenta krettaturi, u hija arida. Minkejja dan, l-istat strutturali tal-kwadru hu ġeneralment tajjeb. L-istrat protettiv qdiem u sfar.

Interventi ta' Konservazzjoni u Restawr

Billi l-istat strutturali tal-kwadru għadu ġeneralment tajjeb, ġie deċiż li jitħallew kemm it-tilar kif ukoll ix-xkora miżjuda fl-intervent preċedenti ta' konservazzjoni. Għalhekk, l-intervent strutturali kien jikkonsisti fi twaħħil tajjeb ta' rqajja żgħar ta' żebgħa li kienu ser jaqgħu.

Wara dan inbeda t-tindif tal-kwadru: dan it-tindif ħalla rtokki li kienu saru fuq l-oriġinal, biex il-parti oriġinali u dik miżjuda jibqgħu kemm jista' jkun, estetikament magħquda. Iż-żebgħa mwaqqa' ġiet stukkata. Il-kwadru, imbagħad, ġie rtukkat

TOPSERV LTD

Mechanical - Electrical - ELV
Air-Conditioning
Vertical Transportation Systems
Motor Rewinds - Automation

Head Office:
Bone Alley, Industrial Estate, Mriehel BKR12 - Malta Tel: +356 444214 Fax: +356 447189
Gozo Branch:
Triq il-Gojjin, Kercem VCT112 - Gozo Tel: +356 557993 Fax: +356 561578

www.gozocathedral.org.mt

u mogħti strat protettiv ġdid.

Gwarniċ

Dan il-kwadru hu mżejjen bi gwarniċ ta' l-injam imnaqqax u ndurat, li jgħin biex jimla xi vojt bejn il-perimetru tal-kwadru u l-gwarniċ arkitettoniku. Il-problema prinċipali li ppreżenta dan il-gwarniċ kienet li xi rqajja' tal-preparazzjoni kienu ser jaqgħu u oħrajn waqgħu ġa. Għalhekk l-irqajja' li kienu ser jaqgħu ġew imwaħħla tajjeb waqt li l-partijiet nieqsa ġew stukkati u reintegrati.

Qabel l-intervent preżenti, il-gwarniċ kien marbut b'viti li jgħaddu mill-gwarniċ għal ġol-kwadru. Issa ġie mwaħħal direttament ġol-ħajt, biex hekk la jittaqqab il-gwarniċ u anqas il-kwadru.

Kien bl-inizjattiva tal-Kapitlu tal-Katidral u ta' l-Arċipriet li sar ix-xogħol kollu fuq din l-opra ta' l-Arti li, nistgħu ngħidu, reġgħet ħadet il-ħajja.



The Liqueur Shop

The leading Wines, Spirits & Tabocco Merchants in Gozo

14, St. George's Sqr., Victoria, Gozo. Tel:556531

FREE DELIVERY ON ONE CASE OF SPIRITS

Prop: J. C. Mejlaq Zammit

www.gozocathedral.org.mt

DUN ANTON GRECH QASSIS ĠDID FIL-PARROĊĊA TAL-KATIDRAL

Anton Grech, twieled ir-Rabat, Għawdex nhar id-19 ta' Marzu 1972. Attenda l-iskola Primarja tar-Rabat, il-Junior Lyceum u s-Sixth Form. Daħal is-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesu', f'Settembru 1990 u beda il-kors fil-filosofija u t-teoloġija. Anton, li għandu għal qalbu ħafna l-missjoni, għamel is-sena intermedjarja fil-parroċċa ta' Jalpatagua (djoċesi ta' Jalapa) fil-Guatemala. Ġie ordnat djaknu fil-21 ta' Ġunju 1996 filwaqt li nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju 1997 ġie ordnat saċerdot waqt il-Funzjoni ta' l-Ordinazzjoni mill-ET Mons Isqof ta' Għawdex, fil-Knisja Katidrali. Dun Anton Grech ser jissokta l-ħidma pastorali tiegħu fl-artijiet tal-missjoni. Hu ferm xieraq li noffru t-talb tagħna għalih, sabiex dan is-saċerdot novell ikun strument fejjiedi, fil-ħidma tiegħu fl-għalqa tal-Mulej. Filwaqt li nifirħu mal-familja tiegħu, nirringrazzjaw 'l Alla tal-grazzja kbira li għoġbu jagħti lill-Parroċċa tagħna.

BĦAL LUM

Bħal lum sew mit sena ilu
Għawdex feraħ u bil-kbir
X'ma jifraħx, waslet il-kbira
Lilha nstemma' kull tifħir

Dak in-nhar ix-xatt filgħodu
Feġġu raġġi qawwijin
Kienet hemm Marija ġejja
Ġo dil-gżira ta' l-Għawdxin.

L-eqdem Banda ta' dil-gzira,
Hawn laqgħetek b'ferħ hekk kbir
Magħha wkoll il-Belt Victoria,
Kulħadd kien ferħan se jtir

Kif minn ġo dil-Kbira Dinja,
Lil dil-gzira int għażilt
Biex tpaxxina b'dak il-ġmiel,
Lilna żgur ħienja għamilt

L-isbaħ wiċċ li s'issa rajna,
Kien u jibqa' wiċċek żgur
Dak żgur Alla għamilulek
Lill-Belt tagħna għamel unur

Tħares lejk demgħa taqbiżlek,
Bi sbuħitek lilna għaxxaqt
Hekk kif ġejt ġo dil-belt tagħna
Lil Kulħadd tassew ferraħt

Bħal lum waslet Omm il-Knisja,
Bejnha żgur ma joqgħod xejn
Għax hi isbaħ minn kull ħlejqa
Żgur mhux forsi ħadd u xejn

Bħal lum waslet l-isbaħ ġawhra,
Isbaħ minn kull t'hawn djamant
Bħal lum waslet l-Omm mill-ġenna
Ħalli nibqgħu taħtha l-mant

U Bħal llum mit sena ilu
Waslet Xemx b'dija qawwija
Waslet Xemx ħanina u Kbira
Waslet hawn SANTA MARIJA.

Godwin Attard
8 / 1 / 97

www.gozocathedral.org.mt

TISLIMA LIL SOR MARĊELLINA TABONE, MEMBRU TAL-KOMMUNITÀ PARROKKJALI

Nhar is-Sibt, 28 ta' Ġunju 1997, tħabbret l-aħbar tal-mewt traġika ta' Sr Marċellina Tabone, ta' 50 sena, liema mewt ħasdet mhux biss lill-familjari tagħha, imma saħansitra lil Malta u Għawdex kollha.

Sr Marċellina, jew aħjar, kif nafuha, Antonjetta Tabone, sfat maqtula intortament, waqt il-ħidma missjunarja tagħha fil-Pakistan, fejn ilha taqdi lill-Mulej, 'il bogħod minn art twelidha, għal dawn l-aħħar 29 sena.

Sr Marċellina, ingħaqdet mal-kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani fl-1964. Wara l-ewwel professjoni tagħha, uriet ix-xewqa li tmur taqdi lill-Mulej fil-Missjoni. Hi telqet lejn il-Pakistan f'Mejju 1968 u mill-ewwel bdiet il-ħdima tagħha, b'impenn sħiħ, fis-St Michael's Convent School, fejn fl-1989 inħatret Superjura Reġjonali fil-Pakistan. Sr Marċellina ħadmet bis-sħiħ sabiex jerġgħu jakkwistaw din id-dar minn idejn l-awtoritajiet ċivili li kienu ħaduha taħt idejhom fl-1972.

Il-funeral ta' Sr Marċellina Tabone, sar fil-Knisja Katidrali, ta' Għawdex, nhar it-Tnejn 7 ta' Lulju, b'quddiesa *presente cadavere* immexxija mill-ET Mons Isqof ta' Għawdex flimkien 120 saċerdoti.

Filwaqt li l-kommunità parrokkjali tagħna tesprimi n-niket tagħha, għal din oħtna mal-familjari tagħha, fosthom Mons George Tabone, nitolbu 'l Alla, sabiex il-mewt ta' Sr Marċellina tkun ta' żerriegħa fl-għalqa tiegħu u tqanqal bosta qlub sabiex jimitaw il-missjoni tagħha - li jxandru l-aħbar it-tajba lil kulħadd. Sr Marċellina ħadmet bi sħiħ f'ħajjitha għall-konverżjoni tal-midinbin u issa qegħdha tgawdi dak li żergħet: tgawdi lill-Mulej u lil ommha Santa Marija, wiċċ'imb wiċċ.

www.gozocathedral.org.mt

Ilna sena sħiħa nħejju ħalli
l-festi ċentinarji jkunu suċċess
Fost l-oħrajn f'dawn il-ġranet
inawgurajna l-proġett ta' lift għall-kumdità ta' kulħadd
Il-parti tagħna għamilniha
Issa jonqos li

INT

tagħmel il-parti tiegħek

Agħti sehmek

billi tagħti l-offerta tiegħek għall-ispejjeż
jekk inti bqajt lura

Aqdi dmirek

ta' nisrani
billi tiċċelebra l-festa bi qrara sinċiera u tqarbina tajba

www.gozocathedral.org.mt

KRONAKA TAL-PARROĊĊA
1 ta' Lulju, 1996 - 30 ta' Ġunju, 1997

Magħmudijiet

DATA	ISEM TAT-TARBIJA	ISEM IL-ĠENITURI
05-07-96	Chiara Borg	Frans u Doreen nee Spiteri
06-07-96	Nicholas Rapa	Raymond u Shirley nee Bajada
13-07-96	Beppe Galea	Paul u Moira nee Refalo
04-08-96	Luke Grech	Paul u Mariella nee Fenech
04-08-96	Giacomo Grech	Joseph u Mary Josette nee Pavia
04-08-96	Samuel Saliba	Baskal u Frances nee Dimech
04-08-96	Luke Spiteri	Raymond u Miriam nee Meilaq
04-08-96	James Patrick Cook	Mark u Lucia nee Zammit
11-08-96	Antonella Portelli	Joseph u Salvina nee Caruana
27-08-96	Marija Calleja	Joseph u Joan nee Mifsud
30-10-96	Mario Vella	Michael u Doreen nee Cordina
21-09-96	Amanda Cassar	Mario u Rose nee Caruana
13-10-96	Samantha Grech	Raymond u Josephine nee Portelli
13-10-96	Nathaniel Spiteri	Saviour u Mary Anne nee Zammit
20-10-96	Paola-Marie Vella	Francis u M'Assunta nee Camilleri
20-10-96	Josef Attard	Mario u Angela nee Sultana
03-11-96	Leanne Grech	Anthony u Simone nee Abela
10-11-96	Diana Grech	Joseph u Margaret nee Spiteri
17-11-96	Maximillian Depasquale	Etienne u Miriam nee Azzopardi
17-01-97	Nicholette Borg	Paul u Frances nee Formosa
02-02-97	Larissa Dimech	Louis u Josephine nee Frendo
09-02-97	Andrew James Navarro	Joseph u Grace nee Grech
16-02-97	Anne Marie Portelli	Joseph u Elizabeth nee Spiteri
23-02-97	Maria Elena Cordina	Charlie u Joanne nee Grima
23-02-97	Jasmine Bajada	Joseph u Irene nee Xerri
29-03-97	Sabrina Cini	Mark u Sylvana nee Spiteri
29-03-97	Ayrton Xerri	Mario u Nataline nee Gauci Hampton
26-04-97	Emmanuel Christ Mizzi	Joseph u Carmen nee Tabone
01-05-97	Elyse Mercieca	Joseph u Sonia nee Attard
25-05-97	Nicholas Degiorgio	Atanasius u Maria nee Bonnici
25-05-97	Deborah Fenech	Joe u Anna Maria nee Grech
21-06-97	Anthony Xerri	Raymond u Michelle nee Farrugia
28-06-97	William Joseph Grech	Antonello u Elizabeth nee Brown

www.gozocathedral.org.mt

Żwiġijiet

ISEM	
10-08-96	Lawrence Sciberras (Sannat) u Francelle Hili
11-08-96	Mario Attard u Tania Cauchi
31-08-96	Paul Anthony Camilleri (Nadur) u Ramona Psaila
10-11-96	Christopher Attard Montalto (Sliema) u Anna Maria Dimech
30-11-96	Salvatore Saliba (Żebbuġ) u Mary Grace Mercieca
05-01-97	Anthony Saliba (Xlendi) u Maureen Anne Camilleri
18-01-97	Ronald Dingli (Għajnsielem) u Doreen Gauci
01-02-97	Richard Attard u Sonia Maria Cefai (Żebbuġ)
08-03-97	Louis Attard u Maria Zammit
15-03-97	Mario Said u Petronella Bonnici
18-05-97	Michael Debrincat u Maria Calleja (Kerċem)
07-06-97	Angelo Muscat (Nadur) u Maria Vella

Mwiet

01-07-96	Franġisku Bezzina ta' 76 sena
28-07-96	Tarċisja Borg ta' 87 sena
06-08-96	Rita Grech ta' 78 sena
12-08-96	Jesualda Zammit ta' 74 sena
12-09-96	Kelina Lanzon ta' 85 sena
13-09-96	Emmanuel Hili ta' 83 sena
24-09-96	Carmelo Agius ta' 76 sena
03-10-96	Konċetta Theuma ta' 95 sena
04-11-96	Mro Anton Bonnici ta' 66 sena
24-11-96	Francesca Tabone ta' 68 sena
01-12-96	John Tabone ta' 89 sena
18-12-96	Michael Micallef ta' 76 sena
30-12-96	Margerita Farrugia ta' 84 sena
09-01-97	Joseph Cassar ta' 82 sena
10-01-97	Maria Gloria Grech ta' 38 sena
23-01-97	Gorg Borg ta' 73 sena
10-03-97	Antonietta Portelli ta' 91 sena
29-04-97	Lucrezia Cordina ta' 87 sena
26-05-97	Paul Grech ta' 38 sena
10-06-97	Ewkaristiku Cini ta' 63 sena
13-06-97	Alexander Tabone ta' 74 sena
27-06-97	Vincenzo Gatt ta' 89 sena
28-06-97	Sr Marċellina Tabone ta' 50 sena

L-Ewwel Tqarbina 06-05-97

Attard Larissa, Axiaq Daniela, Azzopardi Melissa, Bugeja Raffaella, Buttiegieg Umberto, Calleja Daniel, Camilleri Silvio, Cassar Paul, Cordina Michael John, Farrugia Conrad Joseph, Farrugia Daniel, Farrugia Manuel, Fenech Trishia, Galea Mark, Galea Renzo, Galea Yana, Magro Joanne, Mercieca Carl, Mercieca Caroline, Mercieca Darren, Micallef Michael, Mizzi Carol Anne, Refalo Mark, Said Luke, Said Nadine, Sciortino Nathalie, Sultana Daniel, Sultana Philip, Tabone Jean Pierre, Vella Bjorn, Vella Christian John, Vella Maria, Xerri Joseph Mario, Zahra Annie, Zammit Christian, Zammit Marita, Zammit Maryln Joan.

www.gozocathedral.org.mt

Griżma ta' l-Isqof
08-05-97

Attard Michelle, Attard Richard, Axiaq Clayton John, Azzopardi Kurt, Bajada Aldo, Borg Natalie, Bugeja Liza, Calleja Jonathan, Camilleri Denise, Camilleri Maria, Camilleri Marie Chantelle, Camilleri Simon, Caruana Melissa, Cordina Annabel, Cordina Roderick, Cutajar Caroline Melissa, Debrincat Audrey, Dimech Sarah, Farrugia Maxine, Fenech Elliott James, Galea Cynthia, Galea Fabian, Galea Jurgen, Galea Susan, Gatt Mariella, Gatt Nadia Maria, Gauci Giorgino, Grech Antoine, Grech Joanne, Grech Jonathan, Grech Mark, Grech Maximillian, Grech Raymond, Haber Gilbert Mario, Meilaq Christian, Mintoff Mark, Piscopo Leanne, Portelli Ismael Mario, Rapa Vincent Mario, Refalo Romina, Said Sara jane, Saliba Kevin George, Scicluna Pierre Jean, Sciortino Mattew, Sultana Marlene, Tabone Claudia, Tabone Sarah Marie, Vella Antonella Marie, Vella Daniela, Vella James, Zahra Sylvianne, Zammit Anthia Ann, Zammit Chris, Zammit Jonathan, Zammit Ruth, Zerafa Monique.

www.gozocathedral.org.mt

WERREJ

Sena Ċentinarja 3

Tliet Mit Sena Ilu it-Tqegħid ta' l-Ewwel Ġebla tal-Katidral 4

Santa Marija 1897 - 1997 9

Il-Matriċi ta' l-Assunta ta' Għawdex issir Kolleġġjata u tibqa' Knisja Parrokkjali 15

Tislima lil Santa Marija 29

F'Għeluq il-Mit Sena ta' Santa Marija 32

Il-Kwadru ta' Sant'Orsula fil-Katidral Għawdex 35

Santa Marija f'Għajdut il-Maltin u l-Għawdxin 41

L-Arka tal-Patt u l-Assunta 51

Xogħol ta' Konservazzjoni u Restawr fuq il-Kwadru tal-Madonna tar-Rużarju 53

Dun Anton Grech Qassis Ġdid fil-Parroċċa tal-Katidral 56

Bħal Lum 56

Tislima lil Sor Marċellina Tabone, Menbru tal-Kommunità Parrokkjali 57

Kronaka tal-Parroċċa
- Magħmudijiet 59
- L-Ewwel Tqarbina 60
- Żwiġijiet 60
- Imwiet 60
- Griżma tal-Isqof 61

www.gozocathedral.org.mt

www.gozocathedral.org.mt

Aktar
informazzjoni fuq...

http://www.mid-medbank.com

......Assi ta' aktar minn Lm**1,000,000,000**

......Aktar minn **1,000,000** tranżazzjoni kull xahar

......Ghandna aktar minn **100,000** klijent

......U 'l fuq minn **1,000** impjegat

......Noffru iżjed minn **100** prodott finanzjarju

......Kollha imfasslin biex jaqdu l-bżonnijiet

ta' l-aktar klijent importanti... **INT**!

L-Aktar Klijent Importanti ...INT!

Mid-Med
BANK

Habib ghal Hajtek

www.gozocathedral.org.mt